# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 25 ta' Jannar, 2023.**

**Numru 24**

**Rikors numru 41/19/1 TA**

**L-Avukat Tony De Gaetano u martu Josette De Gaetano kemm f'isimhom proprju u kif ukoll għan-nom u in rappreżentanza tad-ditta "Legal (Publishing) Enterprises"**

**v.**

**Ministru tal-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali llum Ministru għall-Ġustizzja, l-Ugwaljanza u l-Governanza għan-nom u in rappreżentanza tal-istess Ministeru u dan in rappreżentanza tal-Gvern ta' Malta u b'digriet tat-28 ta' Settembru, 2021, isem il-Ministru konvenut ġie mibdul għal Ministru tal-Ġustizzja u Governanza**

**Il-Qorti:**

1. Rat ir-rikors ġuramentat tal-atturi ppreżentat minnhom fis-17 ta' Jannar, 2019, li permezz tiegħu jingħad hekk:

"1. Illi permezz ta' kuntratt datat għaxra (10) ta' Frar tas-sena elf disa' mija tlieta u disgħin (1993), l-atturi fil-kwalità tagħhom fuq premessa ġew inkarigati mill-konvenut sabiex jippubblikaw fl-interess tal-istess konvenut is-sentenzi u d-deċiżjonijiet tal-Qrati Superjuri ta' Malta, u dan versu l-pattijiet u l-kondizzjonijiet stipulati fl-istess kuntratt preċitat, kopja hawn annessa w immarkata Dok. A.

2. Illi fost il-pattijiet u l-kondizzjonijiet stipulati, il-kontendenti, fil-kuntratt imsemmijin rispettivament "publisher" u "the Government", ftehmu wkoll fil-paragrafu numerat sebgħa (7) tal-kuntratt preċitat dan li ġej:

> "The size of the run of the publications shall be of 500 per volume in order to have always available to the general public any such volumes on demand. The publisher may opt only any time after the lapse of twenty-five (25) years from the signing of this agreement, that any remaining stock from the initial 500 run, even that which is still being published by that time, are to be acquired by Government, as stock to be kept by the Government, and the Government is bound to acquire such stock on demand of the publisher at 75% of the maximum prices for the current year 1993 mentioned in article 3, according to whether these are in stock in loose-leaf, paperback or hardbound format. If the above initial 500 runs per volume are sold out, the publisher may re-publish any material already sold out but in such an event the Government shall not be oblidged to acquire such extra re-runs after 25 years from signing of this agreement... ... Stocks at publisher will remain property of same, even after the termination of this agreement and can be sold, and if published during the currency of this agreement, after the termination of this agreement, can be sold, also as the authorised official version, unless the publisher opts after 25 years from signing of this agreement to transfer any initial stock from the 500 run, to Government, in which case such stocks shall become the property of the Government and can be sold directly by the Government without any competition from the publisher."

3. Illi l-perjodu ta' ħamsa u għoxrin (25) sena mill-iffirmar tal-kuntratt tal-għaxra (10) ta' Frar tas-sena elf disa' mija tlieta u disgħin (1993) għalaq fid-disa' (9) ta' Frar tas-sena elfejn u tmintax (2018), f'liema żmien l-at turi kien għad għandhom fil-pussess tagħhom kwantità konsiderevoli ta' volumi formanti parti mill-istampar oriġinali ta' ħames mija (500) kull volum, kif se jiġi ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża, u cjoè l-atturi għad baqgħalhom fil-pussess tagħhom ħamsa u ħamsin elf (55,000) volum loose-leaf, elfejn (2,000) volum paperback u ħamest elef, tlett mija u ħamsin (5,350) volum hardbound.

4. Illi l-atturi, kif setgħu jagħmlu fi kwalunkwe żmien wara l-għeluq ta' 25 sena mill-iffirmar tal-preċitat kuntratt, sejħu lill-konvenut sabiex jakkwista l-volumi fuq imsemmija, u dan kif inhu marbut li jagħmel permezz tal-kuntratt tal-għaxra (10) ta' Frar tas-sena elf disa' mija

tlieta u disgħin (1993), u dan l-atturi għamluh permezz tal-ittra uffiċjali tad-29 ta' Novembru, 2018 (kopja legali hawn annessa u mmarkata Dok. B) u dan bir-rata kif stipulat ta' ħamsa u sebgħin fil-mija (75%) tal-prezzijiet indikati fil-klawsola numru tlieta (3) tal-kuntratt preċitat, liema prezzijiet kienu Lm5 (€11.65) għal kull volum loose-leaf, Lm6 (€13.98) għal kull volum paperback u Lm7.50 (€17.47) għal kull volum hardbound, u li jiġu għalhekk illum għall-prezz ta' tmien Ewro u erbgħa u sebgħin ċenteżmu (€8.74) għal kull volum loose-leaf, għaxar Ewro u tmienja u erbgħin ċenteżmu (€10.48) għal kull volum paperback, u tlettax-il Ewro u għaxar ċenteżmi (€13.10) għal kull volum hardbound u komplessivament allura għall-prezz ta' ħames mija u wieħed u sebgħin elf, seba' mija u ħamsa u erbgħin Euro (€571,745), eskluż il-5% VAT illum applikabbli oltre il-prezzijiet ta' dak iż-żmien, u allura għall-ammont illum komplessivament bil-VAT ta' sitt mitt elf, tlett mija u tnejn u tletin Euro u ħamsa u għoxrin ċenteżmu (€600,332.25).

5. Illi minkejja li ġie debitament interpellat, anki sussegwentement b' ittra uffiċjali oħra tal-4 ta' Diċembru, 2018 u dan ai termini fost oħrajn tal-Artikolu 460(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta (kopja hawn annessa u immarkata bħala Dok.Ċ), il-konvenut baqgħa inadempjenti u għalhekk kellha issir din il-kawża.

6. Illi l-attur l-Avukat Tony De Gaetano jiddikjara li jaf bil-fatti fuq premessi personalment.

Għaldaqstant u għar-raġunijiet kollha hawn fuq premessi, l-atturi umilment jitolbu lil dina l-Onorabbli Qorti, previa kull dikjarazzjoni jew provvediment ulterjuri li jkunu jidhrulha xierqa u opportuni, jogħġobha:

(1) tiddeċiedi u tiddikjara li l-konvenuti huwa obbligat jakkwista mingħand l-atturi ħamsa u ħamsin elf (55,000) volum loose-leaf, elfejn (2,000) volum paperback u ħamest elef, tlett mija u ħamsin (5,350) volum hardbound, jew kull ammont ieħor ta' volumi verjuri kif jista' jirriżultalha waqt it-trattazzjoni tal-kawża, ilkoll mill-Kollezzjoni ta' Deċiżjonijiet tal-Qrati Superjuri ta' Malta, u dan versu l-prezz ta' tmien Ewro u erbgħa u sebgħin ċenteżmu (€8.74) għal kull volum looseleaf, għaxar Ewro u tmienja u erbgħin ċenteżmu (€10.48) għal kull volum paperback, u tlettax-il Ewro u għaxar ċenteżmi (€13.10) għal kull volum hardbound u komplessivament allura għall-prezz ta' ħames mija u wieħed u sebgħin elf, seba' mija u ħamsa u erbgħin Euro (€571,745), eskluż il-5% VAT illum applikabbli oltre il-prezzijiet ta' dak iż-żmien, u allura għall-prezz komplessivament bil-VAT ta' sitt mitt elf, tlett mija u tnejn u tletin Euro u ħamsa u għoxrin ċenteżmu (€600,332.25), jew kwalsijasi somma verjuri li tista' tiġi stabbilita minn dina l-Onorabbli Qorti, occorrendo previa l-opera ta' periti nominandi;

(2) tordna u tikkundanna lill-konvenut jakkwista l-volumi kollha bil-prezzijiet imsemmijin skond it-talba preċedenti u dan in forza tas-

sentenza stess. B'dan li jekk dina l-Onorabbli Qorti hekk ikun jidhrilha xieraq u opportun, tordna li minflok, li l-istess bejgħ isir permezz ta' kuntratt li jiġi riċevut min-Nutar Pubbliku maħtur minnha fil-jum, ħin u lok minnha ffissati, previa l-ħatra ta' kuraturi deputati sabiex jidhru għal kwalsijasi eventwali kontumaċi;

(3) tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-atturi il-prezz ta' sitt mitt elf, tlett mija u tnejn u tletin Ewro u ħamsa u għoxrin ċenteżmu (€600,322.25) bl-imgħaxijiet legali mid-data tan-notifika tal-ewwel ittra uffiċjali tad-29 ta' Novembru, 2018 jew kwalsijasi somma oħra li tista' tiġi stabbilita minn din l-Onrabbli Qorti kif fuq intqal;

Bl-ispejjeż, inkluż dawk tal-ittri uffiċċjali bin-numri 4256/2018 u 4324/2018, kollha kontra l-konvenut, li hu minn issa nġunt in subizzjoni u b'riżerva għall-kumplament tal-istokk li jibqa' mill-volumi li għad iridu jiġu ppubblikati taħt l-istess kuntratt."

2. Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuti ppreżentata fit-22 ta' Frar, 2019, li permezz tagħha ġie eċċepit is-segwenti:

"1. In linea premilinari n-nullita tar-rikors ġuramentat stante illi l-ħlas tar-reġistru ma ġiex effettwat kif suppost u dan stante li tali ħlas kellu jiġi intaxxat ad valorem abbażi tas-somma ta' €600,322.25 li r-rikorrenti qegħdin jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti biex tikkundanna lill-intimati li jħallashom.

2. Illi in linea premilinari ukoll, l-esponenti jeċċepixxu l-inamissibilita' tat-talbiet attriċi stante illi ma jidentifikax abbażi ta' liema dritt jew artikolu tal-liġi qiegħed jibbaża l-azzjoni tiegħu;

3. Illi t-talba tar-rikorrenti sabiex l-intimat jiġi kkundannat iħallashom is-somma ta' €600,322.25 hija legalment insostenibbli stante illi r-rikorrenti qatt ma kkonsenjaw l-oġġetti li għalihom qed jippretendu l-imsemmi ħlas mingħand l-intimat lill-istess intimat u lanqas ma pproċedew biex jiddepożitaw l-istess oġġetti taħt l-Awtorita' tal-Qorti.

4. Illi fil-mertu u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponenti jikkontesta t-talbiet attriċi bħala infondati fil-fatt u fid-dritt għar-raġunijiet segwenti;

5. Illi l-prinċipju regolatur fl-eżekuzzjoni tal-kuntratti għandhom jiġu eżegwiti in buona fede. Illi dan qiegħed jingħad fil-kuntest illi r-rikorrenti ma jistgħux jippretendu li jimponu fuq il-Gvern li jakkwista materjal illi huma stampaw jew komplew jistampaw meta kienu jafu li ma kien hemm l-ebda domanda għal tali kopji u wisq inqas ta' materjal li għandhom lanqas biss ma ppubblikaw. Illi huwa fatt magħruf li bil-miġja tal-aċċess għas-sentenzi tal-Qrati mis-sit elettroniku tal-Ministeru tal-ġustizzja, id-domanda għall-akkwist ta' kopji stampati tas-sentenzi tista' tgħid li spiċċat. Illi għaldaqstant it-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda;

6. Illi sussidjarament u mingħajr ebda preġudizzju għas-suespost, ir-rikorrenti għandhom jippruvaw li l-volumi li qegħdin jirreferu għalihom huma fil-fatt stampati, l-kundizzjoni u l-kwalita' tal-volumi stampati, l-bejgħ illi sar ta' volumi matul is-snin u l-istampar oriġinali tas-sentenzi kif ukoll għal liema snin dawn il-volumi jirreferu kif ukoll l-istat ta' dawn il-volumi;

7. Illi klawsoli 7 tal-ftehim tal-10 ta' Frar 1993 li fuqha jistrieħu r-rikorrenti fir-rikors promotur tagħhom trid tiġi interpretata fil-kuntest tal-ftehim fl-intier tiegħu u mhux b'mod iżolat. Illi essenzjalment il-kwalsola 10 tal-ftehim taghmilha cara illi "The parties shall have the right to terminate this agreement if either party is in default. A default by the Editorial Board in performance of its functions under this agreement shall be deemed to be default by Government".Illi kif ser jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża,r-rikorrenti kienu ġibdu l-attenzjoni tal-Gvern li kien hemm żmien meta l-Bord Editorjali ma kienx qiegħed jgħaddi materjal lir-rikorrenti. Illi f'tali ċirkostanzi, r-rikorrenti kellu rimedju li jaħseb għalih l-istess ftehim u cioe' li jitlob it-terminazzjoni ta' tali ftehim u mhux li jibqa' jistenna li jgħaddu l-ħamsa u għoxrin sena sabiex jitlob lill-Gvern sabiex jakkwista l-volumi li ġew stampati meta ma kien hemm l-ebda domanda għalihom;

8. Illi minkejja li skont il-klawsola 2 tal-ftehim ir-rikorrenti huma responsabbli għall-marketing tal-materjal stampat a spejjeż tagħhom, minn imkien ma jirriżulta li l-istess rikorrenti għamlu xi kampanja ta' marketing adegwata sabiex ibiegħu prodott stampat minnhom u jidher ċar li minflok qagħdu jistennew iż-żmien jgħaddi sabiex imbagħad jagħmlu talba għall-ħlas lill-intimat, u dan bi ksur tal-obbligi kuntrattwali tagħhom u tal-prinċipju tal-bwona fede illi jirregola l-kuntratti u għal dawn il-motivi wkoll it-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda;

9. Illi sussidjarjament u mingħajr ebda preġudizzju għas-suespost, f'każ li din l-Onorabbli Qorti kellha tiddeċiedi illi huwa dovut xi ħlas mill-intimat lir-rikorrenti, l-ammont reklamat mir-rikorrenti huwa

bil-wisq eżagerat u eċċessiv, liema ammont qiegħed jiġi kontestat u respint mill-esponenti;

10 Illi l-esponenti jirrespinġu wkoll it-talba għall-ħlas ta' imgħaxijiet u dan stante li l-ftehim li fuqu qegħdin jistrieħu r-rikorrenti ma jikkostitwix kuntratt ta' natura kummerċjali bejn ir-rikorrenti u l-Gvern;

11. Għaldaqtstant, it-talbiet kollha tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra tagħhom;

12. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri."

3. Rat is-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tat-22 ta' Marzu, 2022, fil-kawża fl-ismijiet premessi, li permezz tagħha l-kawża ġiet deċiża fis-sens illi:

"Tiċħad l-ewwel, it-tieni u t-tielet eċċezzjonijiet preliminari tal-Gvern Konvenut.

Tilqa' l-ewwel talba Attriċi u tiddeċiedi u tiddikjara li l-Gvern Konvenut kif rappreżentat huwa biss obbligat jakkwista mingħand l-Atturi dawk il-volumi pubblikati minnhom ta' Sentenzi u deċiżjonijiet li ngħataw mill-Qrati Superjuri sa-sena minnufiħ, qabel ma dawn bdew jiġu diġitalment integrati f'CDs u sussegwentement fil-world wide web, ossia l-internet u dan kif spjegat aktar 'l fuq.

Tilqa' limitatament it-tieni talba attriċi fis-sens li qed tiddikjara lill-Konvenut ope sententiam propjetarju tal-pubblikazzjonijiet indikati aktar 'l fuq f'din is-Sentenza u limitatment biss għal dawk li ser isir il-ħlas għalihom fis-somma li qed tiġi likwidata fl-ammont ta' mitejn tnejn u sittin elf, ħames mija u sitta u ħamsin punt tlieta u ħamsin tal-euro (€262,556.53). Tordna lill-Konvenut sabiex fi żmien xahar minn din is-Sentenza jirtira l-pubblikazzjonijiet inkwistjoni fin-nuqqas l-Atturi huma awtorizzati jgħaddu biex jiddepositawhom taħt l-Awtorita' ta' din il-Qorti bi spejjeż li jistgħu jiġu inkorsi a' karigu tal-konvenut.

Tilqa' it-tielet talba u tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-Atturi is-somma likwidata aktar 'l fuq bl-imagħx skont il-liġi minn meta l-ittra

uffiċjali tad-29 ta' Novembru 2018 ġiet notifikata u ċioe' mill-11 ta' Diċembru 2018.

Spejjeż tal-Kawża kwantu għall-tnejn minn ħames (2/5) partijiet mill-Atturi u kwantu għal tlieta minn ħames (3/5) partijiet mill-konvenut."

4. Dik il-Qorti tat is-sentenza tagħha wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Punti ta' fatti:

Din il-Kawża hija riżultat ta' skrittura privata ffirmata fl-10 ta' Frar 1993 bejn Dr. Joseph Fenech, qua Ministru tal-Ġustizzja, għal u f'isem il-konvenut Gvern ta' Malta u l-Attur Dr. Tony De Gaetano għal u f'isem is-Soċjetá Attriċi Legal (Publishing) Enterprises u f'isem martu l-Attriċi Josette De Gaetano ukoll għal u f'isem l-istess Soċjetá Attriċi (ara skrittura a' fol 6).

Dan il-ftehim issostitwixxa ftehim preċedenti datat 4 ta' Settembru 1992 (a' fol 52).

Permezz ta' din l-iskrittura il-Gvern konvenut qabbad lis-Soċjetá Attriċi biex tippubblika "on its behalf", jiġifieri f'ismu, s-Sentenzi u d-Deċiżjonijiet tal-Qrati Superjuri (ara klawżola 1).

Permezz ta' dan il-ftehim, il-partijiet qablu li s-Soċjetá Attriċi tħallas l-ispejjeż kollha marbuta ma' dawn il-pubblikazzjonijiet filwaqt li taġixxi bħala l-publikatur u d-distributur esklussiv tal-Gvern. Dan kellu jsir billi tieħu f'idejha l-kummerċjaliżżazzjoni (marketing) u l-bejgħ tas-Sentenzi u d-Deċiżjonijiet tal-Qrati Superjuri li kellhom ikunu ppubblikati. Matul l-ewwel sena ta' dan il-ftehim is-Soċjetá Attriċi kellha tbiegħ kull volum bi prezz ta' mhux iżjed minn LM5 loose-leaf, LM6 paper-back u LM7.50 hard-bound. Il-prezzijiet għal wara din is-sena ġew thallew fid-diskrezzjoni tas-Soċjetá Attriċi. In-numru ta' paġni għal kull volum tħalla ukoll fid-diskrezzjoni tas-Soċjetá Attriċi (ara klawżola 2 u 3).

Bis-saħħa ta' dan il-ftehim il-Gvern konvenut intrabat li jaħtar a' spejjeż tiegħu, bord editorjali bir-responsabbiltá li jeditja u jipprepara il-

materjal li għandu jiġi pubblikat f'format li jinqara, dan sabiex kull xahrejn iforniħ lis-soċjetá Attriċi għal pubblikazzjoni, distribuzzjoni u bejgħ (ara klawżola 4 u 5).

Il-Gvern ma llimitax il-pubblikazzjoni ta' Deċiżjonijiet u Sentenzi mogħtija sa' sena partikolari. Il-partijiet qablu biss, li Dok A tal-ftehim preċedenti tal-4 ta' Settembru 1994, li jiskeda l-pubblikazzjonijiet ta' Deċiżjonijiet u Sentenzi mogħtija sas-sena 2002, "*shall only be indicative of the years to be published and shall be in the discretion of the publisher*" (ara klawżola 4 u Dok A a' fol 56).

Permezz tal-klawżola 7 ġie dikjarat li "*The size of the run of the publications shall be of 500 per volume <u>in order to have always available to the general public any such volumes on demand</u>.*" (sottolinear ta' din il-Qorti).

Permezz tal-istess klawżola, s-Soċjetá Attriċi ngħatat id-dritt sabiex, wara l-egħluq ta' ħamsa u għoxrin sena żmien mid-data tal-iffirmar tal-ftehim, jiġifieri mill-10 ta' Frar 1993, tagħżel li "*any remaining stock from the initial 500 run, even that which is still being published by that time, are to be acquired by Government, as stock to be kept by the Government, and the Government is bound to acquire such stock on demand of the publisher at 75% of the maximum prices for the current year 1993 mentioned in article 3, according to whether these are in stock in loose-leaf, paperback or harbdound format*." Dan iż-żmien għalaq fl-10 ta' Frar 2018.

Permezz tal-klawżola 10, il-partijiet ingħataw id-dritt li jitterminaw dan il-ftehim *"if either party is in default. A default by the Editorial Board in the performance of its functions under this agreement shall be deemed to be a default by Government."*

Skont l-aħħar klawżola 11, il-ftehim huwa validu għal-perjodu ta' 5 snin mill-1 ta' Frar 1993 liema perjodu jiġġedded awtomatikament għal perjodi oħra ta' 5 snin "*unless prior termination in writing is given by either party six months before each expiration period*." Mill-atti ma jirriżultax li dan il-ftehim ġie terminat a tenur tal-klawżola 10 jew tal-klawżola 11.

Mal-mument li għalaq iż-żmien miftiehem ta' ħamsa u għoxrin sena, is-Soċjetá Attriċi mill-ewwel uriet ir-rieda li tapplika dak miftiem fi klawżola numru 7. Din il-klawsola tobbliga lill-Gvern Konvenut jakkwista l-istokk rimanenti mit-tirata ta' ħames mitt kopja għal kull

volum sal-lum tas-Sentenzi u Deċiżjonijiet tal-Qrati Superjuri li jkunu ġew ippubblikati. Għalhekk is-Soċjetá Attriċi ittentat diversi drabi tikkorrispondi bonarjament mal-Gvern Konvenut għal dan il-għan (ara Dok RE 12 a' fol 489, Dok TD 49 a' fol 127, Dok TD50 a' fol 133, Dok TD51 a' fol 134, Dok TD 52 a' fol 136).

Għal raġuni msemmija fil-para 22 tal-affidavit tal-Attur Avukat Tony De Gaetano, ġiet preżentata wkoll ittra uffiċjali fid-29 ta' Novembru 2018 (a' fol 12). Permezz tagħha l-Atturi interpellaw lill-Ministru tal-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali, għan-nom u in rappreżentanza tal-istess Ministru u dan in rappreżentanza tal-Gvern ta' Malta "*sabiex tersaq u taddivjeni, skont il-pattijiet u kundizzjonijiet pattwiti fl-iskrittura tal-10 ta' Frar, 1993, għall-bejgħ u xiri tal-volumi fuq imsemmija, li jammontaw sal-aħħar volum ippubblikat sal-lum, għal ħamsa u ħamsin elf (55,000) volum loose, elfejn (2,000) volum paperback u ħamest elef, tlett mija u ħamsin (5,350) volum hardbound għall-prezz komplessiv skont l-istess kuntratt, ta' ħames mija u wieħed u sebgħin elf, seba' mija u ħamsa u erbgħin Ewro (€571,745), eskluż il-5% VAT illum applikabbli oltre il-prezzijiet dak iż-żmien, u allura għall-ħlas komplessiv lill-istess esponenti tas-somma ta' sitt mitt elf, tlett mija u tnejn u tletin Euro u ħamsa u għoxrin ċenteżmu (€600,332.25).*"

Permezz ta' ittra uffiċjali oħra preżentata fl-4 ta' Diċembru 2018 ai termini tal-artikolu 460(1) tal-Liġijiet ta' Malta, is-Soċjetá Attriċi reġgħet interpellat lil-Gvern konvenut bl-istess mod u għall-istess ħaġa (ara fol 15). Sussegwentement ġiet istitwita din l-azzjoni fis-17 ta' Jannar 2019.

Punti ta' Liġi:

F'din l-azzjoni l-Qorti qed tiġi mitluba *"tiddeċiedi u tiddikjara li l-konvenut huwa obbligat jakkwista mingħand l-atturi ħamsa u ħamsin elf (55,000) volum loose, elfejn (2,000) volum paperback u ħamest elef, tlett mija u ħamsin (5,350) volum hardbound, jew kull ammont ieħor ta' volumi verjuri kif jista' jirriżultalh waqt it-trattazjoni tal-kawża, ilkoll mill-Kollezzjoni ta' Deċiżjonijiet tal-Qrati Superjuri ta' Malta, u dan versu l-prezz ta' tmien Ewro u erbgħa u sebgħin ċenteżmu (€8.74) għal kull volum loose-leaf, għaxar Ewro u tmienja u erbgħin ċenteżmu (€10.48) għa kull volum paperback, u tlettax -il Ewro u għaxar ċenteżmi (€13.10) għal kull volum hardbound u komplessivament allura għall-prezz ta' ħames mija u wieħed u sebgħin elf, seba' mija u ħamsa u erbgħin Ewro (€571,745), eskluż il-5% VAT illum applikabbli oltre il-prezzijiet ta' dak iż-żmien, u allura għall-prezz komplessivament bil-VAT ta' sitt mitt elf, tlett mija u tnejn u tletin Euro u ħamsa u għoxrin ċenteżmu (€600,332.25).*"

Il-kawżali u t-talbiet huma evidentement diretti sabiex tiġi enforzata u eżegwita l-obbligazzjoni assunta mill-Gvern intimat fil-klawżola 7 tal-Kuntratt tal-10 ta' Frar 2010.

Is-Soċjetá Attriċi qed tikkontendi li dan id-dritt huwa proponibbli f'azzjoni taħt l-artikolu 1357 tal-Kap. 16. Fil-paragrafu 29 tal-affidavit tiegħu (a' fol 39), l-Av. Tony De Gaetano jissottometti li "l-*azzjoni qed tittieħed a bażi tal-kuntratt anness mal-istess ċitazzjoni u l-artikolu 7 speċifiku tal-istess kuntratt. Skont l-istess atturi wara 25 sena setgħu jattwaw l-istess artikolu li hu regolat bil-promessa ta' bejgħ u xiri fl-artikolu tal-liġi ġja msemmi aktar 'il fuq f'dan l-affidavit* [jiġifieri l-artikolu 1357 tal-Kodiċi Ċivili msemmi fil-paragrafu 22 a' fol 37]. Dan il-ħsieb tas-Soċjetá Attriċi jirriżulta apparenti anke mil-mod kif ġew postulati l-ittri uffiċjali li bihom il-Gvern Konvenut ġie intimat "*sabiex tersaq u taddivjeni, skont il-pattijiet u kundizzjonijiet pattwiti fl-iskrittura tal-10 ta' Frar, 1993, għall-bejgħ u xiri tal-volumi fuq imsemmija*".

L-artikolu 1357 jagħti dritt ta' azzjoni biex tiġi enforzata l-eżekuzzjoni tal-kuntratt ta' wegħda ta' bejgħ jew, f'każ li l-bejgħ ma jkunx jista' iżjed isir, l-obbligu rimedjali għal-ħlas tad-danni. Pero' din il-Qorti ma tistax ma tosservax li fil-kuntratt in mertu ta' din il-Kawża, fil-verita' s-Soċjetá Attriċi ma hiex qed taġixxi bħala Soċjetá venditriċi. Lanqas il-Gvern Konvenut ma hu qed jaġixxi bħala kompratur. In virtù tal-kuntratt tal-10 ta' Frar 1993, is-soċjetá Attriċi ġiet mqabbda mill-gvern Konvenut biex taġixxi f'ismu, "<u>on its behalf</u>", jiġifieri bħala l-mandatarja tiegħu.

Huwa ċar għalhekk, li l-kuntratt tal-10 ta' Frar 1993 ma huwiex kuntratt ta' wegħda ta' bejgħ ai termini tal-artikolu 1357 tal-Kodiċi Ċivili, iżda huwa kuntratt sui ġeneris li għandu elementi qawwija mill-Istut tal-mandat ai termini tal-artikolu 1856 tal-istess Kodiċi u kif ukoll ta' obbligu ta' rabta ta' xiri. Ma hux il-każ ta' promessa li l-Gvern jakkwista dawn il-pubblikazzjonijiet wara gheluq 25 sena. Di fatti atikolu 7 tal-ftehim ma jiddisponiex "*the Government promisies to acquire" izda "the government is <u>bound</u> to acquire*". Għalhekk din il-Qorti ma taqbilx li hawn si tratta ta' wegħda sempliċi ta' bejgħ, iżda ta' kuntratt b'fatti speċi sui ġeneris.

Di fatti " *Il-contenuto dei negozi puo' essere assai vario e complesso, purche' non si violino norme imperative, sono lineri di fissare tutte le clausole che essi stimano di essere convenienti e perdi piu' i privati possono regolare i loro interessi sia con negozi tipici, cioe' previsti e dixxiplinati dale norme legali (vedita, locazione , deposito etv..) sia co negozi atipici o inominati cioe' non previsti dalla legge*." (Alberto Trabucchi , Istituzioni Di Diritto Civile, Cedam pg 174). F'sitwazzjoni

bħal din Ricci jkompli jispjega li (Diritto Civile, Vol. VIII No. 72), *"un contratto sui generis innominato, per il quale la legge non da` disposizioni speciali, e deve quindi farsi ricorso ai principi generali di diritto"* (Diritto Civile, Vol. VIII No. 72),

Minn dan isegwi, li d-dritt tas-Soċjetá Attriċi ma huwiex proponibbli f'azzjoni ta' eżekuzzjoni tal-kuntratt ta' wegħda ta' bejgħ iżda f'azzjoni ta' eżekuzzjoni ta' kuntratt ta' sui ġeneris b'effetti fiduċjarji qawwija kif ser ikun spjegat aktar 'l isfel. Fi kliem ieħor, is-Soċjetá Attriċi għandha dritt teżiġi li dak li ġie miftiehem fil-klawżola 7 tal-kuntratt datat 10 ta' Frar 1993 jingħatalha mhux bis-saħħa tal-artikolu 1357 tal-Kap. 16, iżda bis-saħħa tal-artikoli 1856 et seq tal-istess Kap.

<u>Konsiderazzjonijiet:</u>

Stradat il-qafas legali li fuqha għandha tiġi proposta l-azzjoni odjerna, il-Qorti sejra tqis l-eċċezzjonijiet preliminari tal-Gvern Konvenut.

Fl-ewwel eċċezzjoni qed tiġi sollevata n-nullitá tar-rikors ġuramentat *"stante illi l-ħlas tar-reġistru ma ġiex effettwat kif suppost u dan stante li tali ħlas kellu jiġi intaxxat ad valorem abbażi tas-somma ta' €600,322.25 li r-rikorrenti qegħdin jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti biex tikkundanna lill-intimat jħallashom*."

Kif sewwa ġie sottomess fin-nota Attriċi (ara nota a' fol 517), l-ilment tal-Konvenut ma jaqa' taħt ebda waħda mill-kundizzjonijiiet tassattivament ikkontemplati fl-Artikolu 789 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Huwa ben magħruf li l-artikolu 789 tal-Kap. 12 jipprospetta eċċezzjonijiet ta' nullitá ta' atti ġudizzjarji f'każ ta' difetti tal-forma fl-istess atti u mhux f'każ ta' żball ta' ħlas tar-reġistru iżda attribwibbli lill-parti. Fi kwalunkwe każ, tali żball, jekk jissussisti, dejjem jista' jiġi paċut bil-ħlas tal-bilanċ hekk kif sewwa ġie sottomess ukoll fin-nota attriċi (a' fol 515).

Ġie kemm il-darba ribadit, li n-nullita' ta' att ġudizzjarju hija kkunsidrata bħala sanzjoni estrema li l-liġi trid timponi biss meta n-nuqqas (formali jew sostanzjali) fl-att, ma jistax assolutament jiġi tollerat mingħajr ħsara għal xi prinċipju ta' ġustizzja proċedurali. Għalhekk att ġudizzjarju għandu jkun imwaqqa' u annullat biss għal raġunijiet gravi (ara Alfred Vella et vs Agostino Camilleri, Vol LXXXI.III.31).

Kif osservat din il-Qorti diverżament presjeduta fil-kawża Registratur tal-Qrati vs Joseph Muscat deċiża fl-1 ta' April 2003, *'ma jidher li mkien fil-ligi ma tinsab komminata espressament in-nullita' tal-att minhabba n-nullita' tal-prezentata, ghaliex id-difett tal-prezentata ma jistax jirrendi l-att nieqes minn xi partikolarita' sostanzjali preskritta mil-ligi. Il-kelma "partikolarita'" kif uzata fl-artikolu 789 (1) (d) tirreferi ghall-kontenut tal-att (tac-citazzjoni) bhalma huma l-kawzali, l-oggett, u dawk l-elementi essenzjali kollha li l-ligi tippreskrivi. Kien ghalhekk li n-nullita' tal-prezentata giet imfissra bhala "nullita' virtwali", kif kontrapposta ghan- "nullita' essenzjali" msemmija mil-ligi'.*"

Il-Qorti sejra għaldaqstant tiċħad l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-Gvern Konvenut.

Il-Qorti sejra wkoll tiċħad bl-istess mod u għall-istess raġunijiet it-tieni eċċezzjoni preliminari. Ir-Rikors Ġuramentat sar bil-mod kif stabbilit fl-artikolu 156 tal-Kap. 12. Għaldaqstant huwa wieħed regolari u validu. Il-kawżali u t-talbiet kif hemm imfassla huma evidentement diretti sabiex tiġi enforzata u eżegwita l-obbligazzjoni assunta mill-Gvern intimat fil-klawżola 7 tal-Kuntratt tal-10 ta' Frar 2010. Isegwi li l-istess talbiet huma bla dubju ammissibbli.

Il-Qorti sejra issa tikkonsidra t-tielet eċċezzjoni preliminari mqajma mill-Gvern Konvenut. Kif ġia kunsidrat supra, il-kuntratt tal-10 ta' Frar 1993 li fuqha hija bbażata din l-azzjoni m'għandux min-natura ta' bejgħ iżda ta' mandat. L-obbligu tal-kunsinna huwa obbligu impost fuq bejjiegħ mhux fuq mandatarju (ara artikolu 1378 tal-Kodiċi Ċivili). Isegwi għalhekk li din l-eċċezzjoni m'għandhiex mis-sewwa u tmur għal kollox lil hinn mill-obbligi tas-Soċjetá Attriċi, qua mandatarja tal-Gvern konvenut. Il-Qorti sejra għalhekk tiċħad ukoll din l-eċċezzjoni u tgħaddi biex tikkunsidra l-mertu.

In virtù tal-kuntratt imsemmi, s-Soċjetá Attriċi qua mandatarja obbligat ruħha li tirċievi proprjetá ta' natura intelletwali tal-Gvern, konsistenzi f'Sentenzi u deċiżjonijiet tal-Qrati Superjuri, mill-Bord Editorjali mwaqqaf mill-istess Gvern mandant tagħha (klawżola 5). Dan sabiex is-Soċjetá Attriċi tippubblika, tiddistribwixxi u tbiegħ f'ismu din il-proprjetá f'mhux inqas minn ħames mitt kopja għal kull volum (klawżola 7). Din il-kundizzjoni saret għall-iskop uniku li dawn is-sentenzi u deċiżjonijiet, qua proprjetá tal-gvern u għalhekk proprjetá pubblika, ikunu dejjem disponibbli għal-benefiċċju tal-pubbliku in ġenerali li għandu dritt għalihom: "*The size of the run of the publications shall be of 500 per volume <u>in order to have always available to the general public any such volumes on demand</u>*" (ibid.).

Bl-artikolu 1871A introdott fil-Kodiċi Ċivili bis-saħħa tal-Att numru XIII ta' l-2004, il-leġistlatur ried li jagħraf espressament qagħda bħal din tas-soċjetá Attriċi billi jirregola sewwa l-effetti tagħha fil-qafas ta' obbligazzjonijiet fiduċjarji. A tenur ta' dan l-artikolu, "*Kull persuna li żżomm proprjetà għal persuna oħra, iżżomm il-proprjetà soġġetta għal obbligazzjonijiet fiduċjarji lejn il-persuna li tinkarigaha għal dak l-għan, u tkun regolata bid-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kodiċi dwar obbligazzjonijiet fiduċjarji*".

L-obbligi fiduċjarji ġew regolati għall-ewwel darba taħt il-Kodiċi Ċivili bl-introduzzjoni tal-Artikoli 1124A u 1124B li daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2005 ukoll bis-saħħa tal-istess Att XIII ta' l-2004. B'Att ieħor numru XXXVI tal-2018, il-leġislatur kompla jirregola dan il-prinċipju b'mod iktar estensiv bl-emenda fl-artikolu 1124A, b'evoluzzjoni sħiħa tal-artikolu 1124B u bl-introduzzjoni ta' provedimenti ġodda permezz tal-artikoli 1124Ċ sa 1124J.

Il-Qorti tagħraf li dawn il-provvedimenti daħlu fis-seħħ ferm wara li ġie ffirmat il-ftehim in kwistjoni. Kif sewwa osservat il-Qorti tal-Appell fis-sentenza Anthony Caruana & Sons Limited vs Christopher Caruana deċiża fit-28 ta' Frar 2014, l-artikolu 1124A kkristallizza "*principju ta' dritt applikabbli gia' fid-dritt Ruman fejn kien meqjus bhala "a parasitic institution" (ara Lee, "The Elements of Roman Law", pagna 340), mhux bhala kuntratt imma bhala li jimponi obbligi addizzjonali ghal dawk kuntrattwali fil-kaz ta' certi kuntratti. Il-kuncett ta' obbligazzjonijiet fiducjarja … hu ta' applikazzjoni generali f'kull kaz li dak li jkun ikun qed jagixxi f'interess ta' haddiehor meta allura hu mistenni li jagixxi bid-debita attenzjoni u kura. Kif qalet il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), Gurisdizzjoni Superjuri, fil-kaz Cordina v. Cordina, deciza fis-26 ta' Settembru 2007, bl-introduzzjoni tal-Artikolu 1124A fil-Kodici Civili, is-sitwazzjoni "giet hafna aktar iccarata", pero` ma giex mahluq kuncett gdid. Kif qalet il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kaz Messina v. Galea deciza fil-5 ta' Jannar 1881, il-ligi Rumana kienet u ghada il-"ius comune" ta' Malta u, "nei casi non proveduti dalle nostre leggi, dobbiamo ricorrere alle leggi Romane". Il-kuncett ta' fiducja bejn il-principal u r-rapprezentant tieghu ilu jezisti fl-istorja legali taghna…*"

Kif ġie ritenut mil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri fil-kawża Joann Cordina vs Charles Cordina tas-26 ta' Settembru 2007, "*Bl-Att numru XIII ta' l-2004 gew introdotti emendi komprensivi fil-Kodici Civili (Kap. 16) dwar id-dmirijiet ta' fiducjarju (Artikolu 1124A tal-Kodici Civili) u dwar il-mandat prestanome (principju li kien ilu jigi applikat fis-sistema guridika taghna). Il-Qorti tqies li bid-dhul fis-sehh ta' dan l-Att, is-sitwazzjoni giet hafna iktar iccarata u l-legislatur introduca provvedimenti dettaljati fejn*

*mandatarju jzomm ghandu proprjeta' f'isem hadd iehor u anke rimedji godda."*

Is-soċjetá Attriċi, qua mandatarja fiduċjarja tal-Gvern konvenut, kienet fid-dover u l-obbligu li żżommu regolarment aġġornat fuq kemm il-volum kien qed jinbiegħ u b'kemm kien qed jibqgħalha stock. Dan speċjalment fid-dawl tal-kundizzjoni miftiehma fil-klawżola 7 li l-Gvern jakkwista l-istock rimanenti mill-pubblikazzjoni ta' 500 mitt kopja. Is-Soċjetá Attriċi ma tistgħax teżimi ruħha minn dan l-obbligu fuq ir-raġuni li l-istess ma jirriżultax ex contractu (ara k/eżami tal-Attur Avukat De Gaetano a' fol 424). Hija l-liġi stess li timponi dan l-obbligu espressament kemm bis-saħħa tal-artikolu 1875 tal-Kodiċi Ċivili kif ukoll a tenur ta' dan l-Istut tal-obbligi fiduċjarji stabbilit fid-dritt Ruman, llum kristallizzat fil-liġi tagħna bis-saħħa tal-artikolu 1124A tal-istess Kodiċi.

L-Artikolu 1875 jimponi dan l-obbligu fuq is-soċjetá Attriċi mandatarja "*ukoll jekk dak li jkun irċieva ma kellux jingħata lill-mandat".* Iktar u iktar mela, ladarba riedet tagħżel li tatwa dak miftiehem fil-klawżola 7 (li l-Gvern jakkwista l-istock rimanenti), is-Soċjetá Attriċi kellha l-obbligu li fit-termini tal-artikolu msemmi, '*tagħti kont lill-Konvenut mandant tiegħu ta' dak kollu li tkun għamlet u ta' dak kollu li tkun irċevit bis-saħħa tal-mandat*'.

Aktar minn hekk artikolu 1871A(2) jiddisponi s-segwneti:

*Meta dik il-persuna takkwista proprjetà f'isimha stess iżda għan-nom ta' mandant, il-mandant jkollu f'kull żmien il-jedd li jitlob mingħand il-mandatarju t-trasferiment tagħha immedjat u bla kondizzjoni. Il-mandatarju għandu ma' dik it-talba, jew, f'kull każ mat-tmiem taż-żmien li matulu kellu jkompli l-mandat, minnufih jagħti rendikont tal-mandat tiegħu skont l-artikolu 1875 u jittrasferixxi l-proprjetà lill-mandant b'dak il-mod li jkun xieraq, soġġett għal xi kondizzjonijiet speċjali tal-mandat dwar drittijiet u spejjeż u jeddijiet ta' xi terzi in bona fide*. Huwa minnu li dak li għandha quddiemha din il-Qorti huwa pjuttost bil-kuntrarju, fejn il-mandatarju qiegħed jitlob li jitrasferixxi lill-mandant din il-propjeta' u dan abbażi ta' vinkolu kuntrattwali taħt artikolu 7 kwalita' li tkompli taċċentwa il-karrattru sui ġeneris tal-kuntratt mertu ta' dawn il-proċeduri. Imma l-prinċipju dejjem jibqa', kemm jekk din il-propjeta' tintalab mill-mandant u kif ukoll mill-mandatarju, li dan l-obbligi jitnissel minn dawn l-artikoli u mhux minn artikolu 1357 anke jekk ir-rabta kuntrattwali jkollha wkoll mill-bejgħ.

Kif espressamet jiddisponi l-artikolu 1124A tal-Kodiċi Ċivili fuq imsemmi, s-Soċjetá Attriċi Mandatarja, fil-kariga tagħha ta' fiduċja, kellha wkoll id-dmir li twettaq l-obbligazzjonijiet tagħha bl-ikbar bona fide. Jiġi nnutat li l-liġi tesiġi l-akbar bona fide, dettal li għandu sinjifikat qawwi f'dan l-Istitut. Is-Socjeta' Attriċi kellha tħares l-interessi tal-mandant konvenut li inkariga għall-skop li żgur ma kienx dak tikkompeti miegħu hekk kif bħal donnu l-Attur Av. De Gaetano ħaseb li kellu jsir (ara kontro-eżami tiegħu a' fol 423 faċċata 2). L-istess Soċjetá Attriċi kienet ukoll marbuta li teżerċita d-diliġenza ta' bonus pater familias fit-twettiq tal-obbligazzjonijiet fiduċjarji tagħha. Din kienet f'pożizzjoni meta l-Atturi ragjonevolment setgħu jobsru li bit-tnaqqis manifest fil-bejgħ, partikolarment wara l-pubblikazzjonijiet marru on line, wara 25 sena, il-Gvern kien ser jitgħabba bi kwantita' kbira ta' kotba mingħajr valur rejali. Il-Qorti temmen, li dak stipulat fi klawsola bħal dik ma kienx maħsub għall-sitwazzjoni bħal din, iżda li kieku il-bejgħ baqa' għaddej normali u li l-kwantita' ta' kotba li l-Gvern kien obbligat li jakkwista kien ikun wieħed raġjonevoli.

Li kieku ġie osservat dan l-obbligu, segwit dan id-dmir u eżerċitat din id-diliġenza, is-Soċjetá Attriċi mandatarja kienet tgħaraf tiddeżisti milli tibqa' tippubblika s-Sentenzi u d-Deċiżjonijiet skont il-kuntratt mal-mument li l-bejgħ tagħhom beda jonqos drastikament wara li bdew jiġu diġitalment integrati f'CDs u sussegwentement fl-internet. Mal-mument li dawn is-Sentenzi ġew hekk integrati, l-iskop ewlieni tal-kuntratt intlaħaq. Is-Sentenzi u Deċiżjonijiet, qua proprjetá tal-gvern u għalhekk proprjetá pubblika, daħlu fid-dominju pubbliku u b'hekk saru dejjem disponibbli u għal-benefiċċju tal-poplu li għandu dritt għalihom mingħajr ħlas. Fid-dawl ta' dak appena konsidrat, is-soċjetá Attriċi mandatarja <u>għandha dritt teżegwixxi l-klawżola 7 tal-mandat limitatament għall-pubblikazzjoni ta' dawk is-sentenzi u deċiżjonijiet li ngħataw mill-Qrati Superjuri sad-data minnufih qabel ma dawn ġew hekk imqiegħda f'CDs umbagħad fl-internet.</u> Jirriżulta mill-kontro eżami tal-Attur Av. De Gaetano (a' fol 423 faċċata 2), li s-soċjetá Attriċi qiegħdet hi stess. L-oġġett tal-mandat meta di sua sponte ddeċidiet tintegra din il-proprjetá pubblika f'CDs, qabel ma għamel hekk il-Gvern mandant tiegħu stess. <u>Dan a dirittura mingħajr is-setgħa tal-Gvern mandant tiegħu</u> li, a tenur tal-kuntratt in mertu, taħ biss il-mandat li f'ismu jippubblika volumi f'loose-leaf, paper-back u hard-bound (!).

Din il-Qorti ma tistax ma tosservax li sakemm is-sentenzi ma marrux on line u ċioe' sa circa s-sena 2000, l-Attur Dr.Tony De Gaetano kien jikkorispondi mal-konvenuti jew l-aġenti tagħhom b'mod frekwenti. Dan jemerġi bl-aktar mod ċar mill-kwantita' ta' dokumenti li ġew esebiti ( Ara a' fol 48 sa 16). Hekk kif għaddiet din is-sena, salv għal invoices kull korrispondenza bil-miktub waqfet.

Ma hemm xejn x'jindika li l-Atturi baqgħu jikkomunikaw bil-miktub bħal ma kienu jagħmlu qabel is-sena 2000. Fix-xhieda tiegħu in kontro eżami, Dr. Tony De Gaetano jispjega, kif kien iżomm infurmat lill-kompjant Dr. Joe Fenech u anke lin-Nutar Charles Manġion, żewġ Ministri ta' qabel is-sena 2000. Mill-kontro ezami, inkwistjoni jemerġu żewġ fatti importanti. L-ewwel, li l-abbonamenti u bejgħ naqas sewwa b'konsegwenza li s-Sentenzi marru on line u it-tieni, tul iż-żmien li dawn ilhom on line, l-Attur ma kiteb ebda ittra bħal ma kien jagħmel b'mod perspikaċi qabel 2000 biex jgħarraf formalment lill-awtoritajiet bis-sitwazzjoni. L-ittri reġgħu bdew wara li għaddew 25 sena. Dawn għalqu fl-10 ta' Frar 2018 u kien hawn li reġgħet bdiet il-korrispondenza bil-miktub permezz ta' ittra tat-8 ta' Mejju 2018 (a' fol 132) wara laqgħa li saret ma' Johann Galea fis-26 ta' Marzu 2018. Tul dan iż-żmien, l-Atturi baqgħu jippubblikaw l-istess kwantita' ta' kotba konsapevoli mill-fatt li l-parti l-kbira ta' dawn il-kotba ma kienux ser jinbiegħu u li wara l-għeluq ta' 25 sena il-Gvern kien ser ikollu jakkwisthom bi prezz ridott ta' 25%. Fil-fhema ta' din il-Qorti, li ma kienx hemm klawsola 7 kull pubblikazzjoni kienet tieqaf waħedha. Li tkompli tippubblika bil-ħsieb uniku li f'xi żmien il-Gvern ser ikollu jixtri bil-fors, ma hux atteġjament li jammonta għal dik il-buona fede indispensabbilment neċessarja fl-esekuzzjoni tal-kuntratti, aktar u aktar meta din il-Qorti diġa' stabbilit, li il-kuntratt li għandha fil-kawża għandu effetti ta' natura fiduċjarja. Il-Qorti tfakkar li artikolu 993 tal-Kodiċi Ċivili jiddisponi li *l-kuntratti għandhom jiġu esegwiti bil-bona fidi*.

Il-Qorti tħoss li l-Atturi għandhom ikunu ikkompensati għal-perjodu ta' qabel l-imsemmija Sentenzi ma kienux on line. Id-data ma hiex preċiżament aċċertata fl-atti (hemm biss indikazzjoni li dan seħħ madwar il-bidu tas-snin elfejn - ara k/eżami Attur Av. De Gaetano a' fol 443 et seq). Il-Qorti għalhekk, arbitrio boni viri qed tistabilixxi s-sena 2002 bħala dik li fiha s-sentenzi ġew imqiegħda on line. Dan ifisser, li l-Attur kellu jibqa jippubblika sa dik is-sena minnufiħ qabel dik is-sena, jiġifieri is-sena 2001. Sas-sena 2001 kien hemm pubblikat 75 -il volum (ara dok TD53 a' fol 174). Sa volum 75 il-bilanċ f'hard bound copies kien ta' 3,531, f'paper-back kien ta' 1,610 u f'loose-leaf ta' 22,829.

Isegwi għalhekk, li l-ħlas dovut għal volumi hard bound jammonta għal LM26,482.50 ekwivalenti għal €61,687.63 (3,531xLM7.50), għal volumi paper-back jammonta għal LM9,660 ekwivalenti għal €22,501.75 (1,610xLM6) u għal volumi loose-leaf jammonta għal LM114,145 ekwivalenti għal €265,886 (22,829 x LM5). Is-somma globali għalhekk tammonta għal €350,075.38. Hamsa u sebgħin fil-mija (%75) ta' dan l-ammont skont il-ftehim, mertu ta' din il-Kawża jammontaw għal mitejn tnejn u sittin elf, ħames mija u sitta u ħamsin punt tlieta u ħamsin tal-euro (€262,556.53). Fuq din is-somma għandu jitħallas imagħx skont il-liġi minn meta l-ittra uffiċjali tad-29 ta' Novembru 2018 ġiet notifikata u ċioe' mill-11 ta' Diċembru 2018."

5. Rat ir-rikors tal-appell tal-atturi l-Avukat Tony u martu Josette De Gaetano, kemm f'isimhom proprju, kif ukoll għan-nom u in rappreżentanza tad-ditta Legal (Publishing) Enterprises, li permezz tiegħu talbu lil din il-Qorti:

(i) tikkonferma ċ-ċaħda tal-ewwel, it-tieni u t-tielet eċċezzjonijiet, tiċħad l-eċċezzjonijiet l-oħra tal-konvenut *nomine* fil-mertu wkoll;

(ii) tvarja fejn laqgħet f'parti l-ewwel talba attriċi u minflok tilqa' f'kollox l-ewwel talba attriċi billi tiddeċiedi u tiddikjara li l-Gvern konvenut kif rappreżentat huwa obbligat li jakkwista mingħand l-atturi ħamsa u ħamsin elf (55,000) volum *loose-leaf* , elfejn (2000) volum *paperback* u ħamest elef, tliet mija u ħamsin (5350) volum *hardbound*, ilkoll mill-Kollezzjoni ta' Deċiżjonijiet tal-Qrati Superjuri ta' Malta, u dan versu li prezz ta' tmien ewro u erbgħa u sebgħin ċenteżmu (€8.74) għal kull volum *loose-leaf*, għaxar ewro u tmienja u erbgħin ċenteżmu (€10.48) għal kull volum *paperback*, u tlettax-il ewro u għaxar ċenteżmi (€13.10) għal kull volum *hardbound* u komplessivament allura għall-prezz ta' ħames mija u wieħed u sebgħin elf, seba' mija u ħamsa u erbgħin ewro (€571,745), eskluż il-5% VAT illum applikabbli, oltre l-prezzijiet ta' dak iż-żmien, u allura għall-prezz komplessivament bil-VAT ta' sitt mitt elf,

tliet mija u tnejn u tletin ewro u ħamsa u għoxrin ċenteżmu (€600,332.25);

(iii) tvarja fejn laqgħet f’parti it-tieni talba attriċi u minflok tilqa’ f’kollox it-tieni talba attriċi kollha billi tiddeċiedi u tiddikjara li l-konvenut għandu jakkwista l-volumi kollha bil-prezzijiet imsemmijin skont it-talba preċedenti u dan in forza tas-sentenza stess. Kif ukoll tikkonferma l-ordni tal-Ewwel Qorti sabiex fi żmien xahar, iżda issa mid-deċiżjoni ta’ din l-Onorabbli Qorti tal-Appell, jirtira l-pubblikazzjonijiet kollha msemmijin fl-ewwel talba u f’nuqqas l-atturi huma awtorizzati jgħaddu sabiex jiddepożitawhom taħt l-awtorità ta’ din il-Qorti bi spejjeż li jistgħu jiġu nkorsi a karigu tal-konvenut *noe,* u

(iv) tvarja fejn laqgħet f’parti t-tielet talba u fejn l-imgħaxijiet ġew komputati mill-11 ta’ Diċembru, 2018, u minflok tilqa’ wkoll it-tielet talba f’kollox u tikkundanna lill-konvenut *noe* jħallas lill-atturi s-somma likwidata aktar ‘il fuq bl-imgħax skont il-liġi minn meta l-ittra uffiċjali tad-29 ta’ Novembru, 2018, ġiet notifikata u ċioè mis-6 ta’ Diċembru, 2018.

Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi a karigu tal-konvenut inkluż iż-żewġ ittri uffiċjali tad-29 ta’ Novembru, 2018 (3256/18) u tal-4 ta’ Diċembru, 2018 (4324/18).

6. Rat ir-risposta tal-appell tal-Ministeru appellat in rappreżentanza tal-Gvern ta' Malta li wieġeb li l-appell interpost mill-atturi appellanti għandu jiġi miċħud, bl-ispejjeż kontra tagħhom.

7. Rat li bis-saħħa tal-emendi li daħlu permezz tal-Att XXXII tas-sena 2021, il-Qorti ngħatat is-setgħa sabiex tgħaddi għas-sentenza u dan a tenur tal-Artikolu 152(5) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta) u wara li rat l-proċeduri bil-miktub, ma tqisx meħtieġ li jingħata smigħ u għalhekk ser tgħaddi minnufih għas-sentenza;

8. Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti;

**Ikkonsidrat:**

9. Illi din il-kawża titratta sejħa da parti tal-atturi għal dikjarazzjoni tal-Qorti li l-konvenuti huma obbligati jakkwistaw diversi volumi ta' kotba mill-Kollezzjoni ta' Deċiżjonijiet tal-Qrati Superjuri ta' Malta versu l-prezz komplessiv ta' €571,745, oltre l-VAT bil-perċentwal ta' 5% li jwassal għas-somma ta' €600,332.25, ordni u kundanna tal-Qorti sabiex il-konvenut jakkwista l-volumi kollha bil-prezzijiet imsemmijin u kundanna sabiex il-konvenut iħallas lill-atturi l-imsemmija somma ta' €600,332.25, bl-imgħaxijiet mid-data tan-notifika tal-ewwel ittra uffiċjali. Bl-ispejjeż kontra l-istess konvenut.

10. L-Ewwel Qorti laqgħet it-talbiet attriċi f'parti billi filwaqt li ċaħdet l-ewwel tliet eċċezzjonijiet preliminari tal-konvenut, laqgħet l-ewwel talba attriċi fis-sens li l-konvenut huwa obbligat jakkwista mingħand l-atturi dawk il-volumi ppubblikati minnhom ta' sentenzi u deċiżjonijiet li ngħataw mill-Qrati Superjuri sa sena minnufih qabel ma dawn bdew jiġu diġitalment integrati f'CDs u sussegwentement fl-internet. Kwindi laqgħet it-tieni talba attriċi limitatament fis-sens li ddikjarat lill-konvenut *ope sententiam* proprjetarju tal-pubblikazzjonijiet indikati fl-istess sentenza u limitatament għal dawk li ser isir il-ħlas għalihom fis-somma likwidata ta' €262,556.53. Ordnat ukoll lill-konvenut sabiex fi żmien xahar mid-data tas-sentenza sabiex jirtira l-pubblikazzjonijiet in kwistjoni u fin-nuqqas l-atturi huma awtorizzati jiddepożitawhom taħt l-awtorità tal-Qorti, bi spejjeż a karigu tal-konvenut. Laqgħet ukoll it-tielet talba u kkundannat lill-konvenut iħallas lill-atturi s-somma likwidata bl-imgħax skont il-liġi minn meta l-ittra uffiċjali tad-29 ta' Novembru, 2018, ġiet notifikata u ċioè mill-11 ta' Diċembru, 2018. Spejjeż tal-kawża jinqasmu in kwantu għal tnejn minn ħames partijiet mill-atturi u in kwantu għal tlieta minn ħames partijiet mill-konvenut.

11. L-atturi ħassewhom aggravati bl-imsemmija sentenza u għalhekk interponew appell minnha. L-appell tal-atturi jissejjes fuq sitt aggravji li huma:

(I) L-Ewwel Qorti nkorriet fi żball ta’ fatt u ta’ dritt meta ġiet sabiex tiddetermina n-natura tal-ftehim konkluż bejn il-kontendenti fil-kawża fl-10 ta’ Frar, 1993.

(II) Illi bla preġudizzju għall-premess, huwa wkoll ċar u manifest li *datum sed non concessum* li r-relazzjoni tal-kontendenti tassew hija waħda ta’ mandat, jibqa’ l-fatt li l-atturi kienu tenuti li jeżegwixxu l-kuntratt sakemm ma jiġux ordnati li jagħmlu mod ieħor mill-konvenut.

(III) Illi anke jekk wieħed kellu jaċċetta li l-kuntratt kien wieħed *sui generis* jixbah l-istitut ta’ mandat bl-applikazzjoni tal-obbligazzjonijiet fiduċjarji, il-konklużjoni tal-Ewwel Qorti li tillimita l-ammont ta’ kotba li l-Gvern obbligat li jakkwista, jiġifieri, sad-data ta’ meta dawn tpoġġew f’CDs (ħaġa li qatt ma saret) u sussegwentement *online,* hija żbaljata peress li l-konvenuti dejjem ġew infurmati u kienu konxji mis-sitwazzjoni attwali f’kull żmien.

(IV) Għall-fini ta’ kalkolu tal-imgħax, għalkemm l-Ewwel Qorti korrettement għamlet referenza għall-ittra uffiċjali tad-29 ta’ Novembru, 2018, iżda ħadet żball evidenti fid-data ta’ notifika tal-istess, kif ukoll hemm żball fl-okkju fejn il-Karta tal-Identità tal-attriċi mhix 265156M iżda 265159M.

(V) L-Ewwel Qorti naqset ukoll meta ma żiditx fil-komputazzjoni, VAT ta' 5% fuq il-prezz tal-bejgħ tal-kotba.

(VI) L-aħħar aggravju jitratta l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri, li fil-fehma tal-appellanti għandhom jiġu akkollati kollha lill-konvenut u mhux kif spartiti mill-Ewwel Qorti.

12. L-atturi appellanti fl-ewwel aggravju tagħhom jilmentaw li l-Ewwel Qorti fehmet ħażin il-portata u l-effetti tal-kuntratt tal-10 ta' Frar, 1993, meta għalkemm qieset il-kuntratt bħala wieħed *sui generis,* iżda munit b'elementi qawwija tal-istitut tal-mandat, kif ukoll b'obbligu ta' rabta u xiri u dan peress li l-kliem li ntuża fi klawsola mill-kuntratt fejn jingħad li l-Gvern ingaġġa lill-pubblikatur sabiex jippubblika "*on its behalf*" id-deċiżjonijiet tal-Qrati Superjuri. Kwindi jsostnu li l-Ewwel Qorti waslet għall-konklużjoni li l-atturi kienu mandatarji tal-konvenut, bil-konsegwenza li kien hemm veljanti obbligazzjonijiet fiduċjarji. Jisħqu li l-Ewwel Qorti naqset milli tanalizza l-bqija tad-dispożizzjonijiet tal-kuntratt u tqis jekk dawn humiex konsistenti u konformi mal-konklużjonijiet tagħha.

13. L-atturi appellanti fir-rikors tal-appell tagħhom jitrattaw estensivament l-istitut tal-mandat u dwar il-karatteristiċi tiegħu, sabiex jikkonvinċu lil din il-Qorti li fil-każ in eżami ma japplikax l-istitut tal-mandat,

iżda ċ-ċirkostanzi tal-każ għandhom aktar min-natura ta' kiri ta' xogħol u servizzi. Jidħlu fil-mertu ta' numru ta' klawsoli tal-kuntratt li jikkuntrastaw mal-fehma tal-Ewwel Qorti li huma kienu mandatarji tal-Gvern. Mentri paragrafu 7 tal-kuntratt huwa promessa ta' xiri fejn il-konvenuti obbligaw ruħhom li jakkwistaw il-kotba li ma jkunux inbiegħu wara ċertu żmien, f'każ li hekk jagħżlu l-atturi (u għalhekk kienet promessa ta' xiri futur, anki jekk unilaterali) bħala garanzija lill-atturi, b'riskju f'dak il-każ jaqa' mill-atturi, kif kien fl-ewwel stadju, għal fuq il-Gvern. L-atturi huma s-sidien tal-materjal ippubblikat u jibqgħu sidien, anke wara tmiem il-kuntratt u kull qligħ magħmul mill-bejgħ tal-materjal jinżamm mill-atturi u mhux jingħata lill-konvenut. Kriterju u element distintiv għall-istitut tal-mandat huwa dak tar-rappreżentazzjoni, jiġifieri għandha tirriżulta fl-allegat mandatarju s-setgħa li jorbot lill-mandant versu t-terzi u li jorbot lil terzi versu l-mandant. Mentri wara l-kuntratt, l-atturi kienu qegħdin jidħlu fi ftehim ma' terzi sabiex ibiegħu l-materjal stampat minnhom u wara li jsir il-bejgħ tal-materjal permezz ta' numru tat-taxxa fuq il-valur miżjud tagħhom stess u ġie dikjarat fid-dħul tagħhom u t-taxxa tħallset mill-atturi. Inoltre, fl-imsemmi kuntratt bejn il-kontendenti fil-kawża, lanqas ma ġie impost fuq l-atturi l-obbligu tar-rendikont, li huwa wkoll essenzjali għall-istitut tal-mandat. Għalhekk l-Artikoli 1871A, 1875 u 1124A, li japplikaw fejn persuna jkollha f'idejha proprjetà ta' ħaddieħor, ma kellhom qatt isibu applikazzjoni f'dan il-każ, peress li l-atturi f'dan il-każ dejjem kellhom il-

proprjetà tagħhom f'idejhom, sakemm ma jiġix akkwistat minn terz ieħor, inkluż il-konvenut.

14. L-appellanti jikkontendu li l-Ewwel Qorti żbaljat meta qieset li t-talba tal-atturi sabiex jiġi mwettaq il-bejgħ skont il-klawżola 7 tal-kuntratt, kienet qiegħda ssir a tenur tal-Artikolu 1871A tal-Kodiċi Ċivili, jiġifieri d-dmir tal-mandatarju li jikkonsenja lill-mandant il-proprjetà li jkollu f'idejh li tappartjeni lill-mandant jew dik li akkwista huwa stess għan-nom tal-mandant u mhux a tenur tal-Artikolu 1357 kif pretiż mill-atturi. Dan meta l-kuntratt jagħmilha mill-aktar ċar li l-kotba pubblikati huma proprjetà assoluta tal-atturi u mhux tal-konvenut jew f'isem il-konvenut. Għalhekk l-azzjoni kontemplata taħt l-Artikolu 1871A ma tiċċentra xejn, għaliex dan mhux każ fejn il-mandant qiegħed jieħu oġġett li jinsab f'idejn il-mandatarju, iżda huwa każ fejn l-atturi qegħdin jitrasferixxu oġġett lill-konvenut fejn il-bażi tal-jedd tal-atturi f'din il-kawża huwa taħt l-Artikolu 1357 tal-Kodiċi Ċivili. Mill-aspett tal-provi, l-atturi jikkontendu li l-kuntratt in kwistjoni huwa wieħed *sui generis* fejn l-atturi kellhom jippubblikaw il-Kollezzjoni ta' Deċiżjonijiet tal-Qrati Superjuri ta' Malta, bl-ispejjeż f'idejn l-istess atturi, bil-benefiċċju li l-Gvern jikkunsidrahom bħala dawk awtorizzati minnu, bl-għażla li l-atturi setgħu wara 25 sena, jagħżlu li l-Gvern jixtri l-bilanċ tal-istokk li jkun għad fadal mill-minimu ta' 500 kopji ta' kull volum. B'dan illi l-Gvern ma setax huwa stess jippubblikahom in kompetizzjoni diretta mal-atturi, però l-Gvern żamm id-dritt li jista'

jikkompeti mal-atturi bil-pubblikazzjoni tas-sentenzi *on line.* L-appellanti jgħaddu sabiex jissieltu diversi provi in atti in sostenn tal-aggravju tagħhom.

15. Għandu jingħad mal-ewwel, li din il-Qorti taqbel ma' dan l-ewwel aggravju tal-atturi appellanti. Għalkemm huwa utli li f'kawżi mressqa quddiem il-Qrati, li l-ewwel tiġi stabbilita l-bażi ġuridika tal-azzjoni attriċi, billi jsir eżami tar-rapport ġuridiku li nħoloq bejn il-partijiet, sabiex tiġi stabbilita n-natura tal-kuntratt konkluż bejn il-kontendenti fil-kawża, mhuwiex biżżejjed li wieħed jikkonċentra fuq ftit kliem. Dan jingħad peress li huwa ritenut li l-Ewwel Qorti tat wisq importanza lill-kliem "*on behalf of*", li wassal għal miżinterpretazzjoni tal-kuntratt tal-10 ta Frar, 1993, bejn il-komparenti fuq l-istess kuntratt. Huwa ritenut minn din il-Qorti li l-kawża kif imressqa mill-atturi, hija aktar sempliċi minn dak mifhum mill-Ewwel Qorti. L-azzjoni attriċi hija waħda għall-eżekuzzjoni ta' obbligazzjoni a tenur tal-Artikolu 7 tal-imsemmi kuntratt (kwotata fir-rikors promotur). Għalkemm l-Ewwel Qorti għarfet dan, hija rriteniet li peress li l-Gvern skont l-istess klawsola kien marbut li jixtri "*bound to acquire such stock*" u mhux "*promises to buy such stock*" allura skartat il-pretensjoni attriċi a tenur tal-Artikolu 1357 u stradat il-kawża fis-sens li l-kuntratt *sui generis* huwa marbut mad-dritt attriċi li huwa bbażat fuq l-istitut tal-mandat, b'effetti fiduċjarji qawwija.

16. Fil-verità huwa minnu li l-kuntratt esebit bħala Dok A mar-rikors promotur huwa wieħed *sui generis,* in kwantu fl-ewwel parti tiegħu jassenja nkarigu lill-atturi, dak li jippubblikaw il-Kollezzjoni ta' Deċiżjonijiet tal-Qrati Superjuri ta' Malta, dan a spejjeż tal-atturi (Artikolu 2 tal-kuntratt). Il-konvenut ma kellux obbligu li jħallas lill-atturi, sakemm mhux għax jakkwista numru ta' kopji tal-pubblikazzjonijiet għalih innifsu jew kif maħsub fl-Artikolu 7 tal-istess ftehim. Dan il-ftehim il-Gvern għamlu bil-patt li ma jikkompetix mal-atturi billi huwa stess jippubblika l-imsemmija deċiżjonijiet (Artikolu 3 tal-imsemmi kuntratt). Għalkemm, kif jingħad mill-konvenut appellat, il-materjal ippubblikat mill-atturi ma kienx proprjetà tagħhom, in kwantu l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni ġiet mgħoddija lill-atturi permezz tal-funzjonarji tal-Qrati u tal-Bord Editrojali, u mad-daqqa ta' għajn wieħed jista' jgħid li l-kuntratt għandu element ta' mandat, f'dak li għandu x'jaqsam l-inkarigu tal-pubblikazzjoni bl-użu tal-kliem "*on behalf of*", dan fih innifsu ma jagħmilx il-kuntratt bejn il-kontendenti fil-kawża sempliċement dak ta' mandat b'elementi qawwija ta' obbligazzjonijiet fiduċjarji, li jfisser li n-negozju kollu bejn il-kontendenti fil-kawża għandu jiġi regolat bl-istitut tal-mandat, kif prospettat mill-ewwel Qorti. Fil-każ in eżami, n-negozju bejn il-kontendenti fil-kawża kien wieħed mist fejn l-atturi fl-ewwel parti tal-kuntratt, veru li kienu nkarigati li jippubblikaw il-Kollezzjoni ta' Deċiżjonijiet tal-Qrati Superjuri, iżda fl-istess waqt, l-atturi kellhom id-dritt li jwettqu l-għażla li jġibu fis-seħħ il-kondizzjoni maħsuba fl-Artikolu 7, fejn wara 25 sena, jinvokaw id-dritt

tagħhom li jitolbu li l-konvenut jixtri s-stokk tal-volumi li baqgħu mhux mibjugħin u dan skont il-prezz stabbilit fl-istess kuntratt, li kien saħansitra jikkontempla tnaqqis ta' 25% fuq il-prezz iffissat 30 sena ilu. Jitqies li l-Ewwel Qorti ma wiżnitx sew din it-tieni parti tan-negozju li fuqu hija msejsa l-azzjoni attriċi.

17. In kwantu għall-Artikolu 7 tal-kuntratt, apparti li jistabbilixxi li l-pubblikazzjoni kellha tinkludi 500 kopja ta' kull volum, l-istess artikolu jagħti dritt lill-atturi li, fi kwalunkwe żmien wara 25 sena mid-data tal-ftehim, jeżercitaw opzjoni jew għażla, dik li kwalunkwe stokk li jifdal mill-pubblikazzjoni ta' 500 kopja ta' kull volum, għandha tiġi akkwistata mill-Gvern. Din il-kawża qiegħda ssir proprju sabiex l-atturi jeżegwixxu tali obbligazzjoni kontrattwali imposta fuq il-Gvern, bħala l-komparenti l-oħra fl-istess kuntratt. Għalhekk il-kuntratt in eżami, jagħti jedd lill-atturi li jagħżlu li jeżerċitaw għażla (dritt ta' opzjoni) kontra l-Gvern. Kif ingħad mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza tagħha tal-14 ta' Ottubru, 2010, fil-kawża fl-ismijiet **Raymond Mallia et v. Mansueto Zammit et**, ikkonfermata minn din il-Qorti fil-5 ta' April, 2013:

> *"Illi l-**jedd tal-għażla mħolli f'idejn waħda mill-partijiet fi ftehim huwa l-frott ta' rabta fuq il-parti li tagħti lill-oħra tali għażla. Għalhekk, fid-duttrina, tali jedd ta' opzjoni m'huwiex meqjus bħala wegħda ta' ftehim, imma ftehim milħuq taħt kundizzjoni potestattiva**[1]. Kemm hu hekk, jinsab mgħallem li "l'opzione da` luogo ad una proposta irrevocabile: percio` basta l'accettazione dell'altra parte perche` il contratto si perfezioni, senza che occorra una nuova manifestazione di consenso della parte vincolata alla proposta. ... invece nell'opzione l'irrevocabilita` deriva*

[1] Art. 1053(2) tal-Kap 16

> *dall'accordo delle parti e quindi da un contratto."*[2] *Għalhekk hemm kittieba li jqisu li l-jedd tal-għażla m'huwiex ftehim preliminari*[3]*. Il-Qorti tifhem li dan l-istat ta' ftehim milħuq fil-każ tal-jedd tal-għażla japplika għal dik il-parti li tkun tat lill-oħra dik l-għażla: min-naħa tagħha, ma tista' tagħmel xejn biex twaqqa' dik l-offerta, sakemm il-parti l-oħra tkun għadha fiż-żmien li tilqagħha u teżerċita l-jedd lilha mogħti*[4]*. Imma, fih innifsu, l-jedd tal-opzjoni jista', jekk jiġi eżerċitat fil-waqt u ż-żmien miftiehem, jagħti ħajja kemm għal ftehim definittiv bl-effetti kollha li jġib miegħu, jew inkella għal kuntratt preliminari, u dan skond il-fehma u r-rieda tal-partijiet magħmula meta jkun inħoloq dak il-jedd*;" (enfasi min din il-Qorti)

18. Hekk ukoll, fis-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tat-28 ta' Jannar, 2010, fil-kawża fl-ismijiet **Rosario sive Louis Carabott et v. Paul Xuereb et,** ingħad:

> *"In-natura tal-jedd tal-ghazla f'obbligazzjoni tixbah il-kundizzjoni potestativa skond l-Art.1053(2) tal-Kap.16 ... Ghandha dak ix-xebh propju ghaliex tali obbligazzjoni tiddependi minn grajja li wahda mill-partijiet fil-kuntratt tista' ggieghel li tigri. U dan jirrizulta car mit-test tal-klawsola in kwistjoni fejn l-atturi kellhom l-ghazla wara li jghaddu l-21 sena tal-kuntratt originali li jipproroga cens ghall-istess zmien versu c-cens li jigi determinat fuq l-indici tal-gholi tal-hajja minn espert. A tenur tal-Art.1057 tal-Kap.16 il-ligi trid li kull kondizzjoni tigi esegwita kif il-partijiet aktarx riedu u ftehmu li ghandha tigi esegwita.*
>
> *Fid-dottrina, jedd ta' ghazla bhal dak tal-kaz taht ezami mhuwiex meqjus bhala weghda ta' ftehim imma bhala ftehim milhuq. Skond Torrente fil-Manuale di Diritto Privato (9 Ediz.) para.294, pag.481, l'opzione da` luogo ad una proposta irrevocabile : percio' basta l'accettazione dell'altra perche` il contratto si perfezioni, senza che occorra una nuova manifestazione di consenso della parte vincola alla proposta ... invece nell'opzione l'irrevocabilita` deriva dall'accordo delle parti e quindi da un contratto."*

---

[2] Andrea Torrente *Manuale di Diritto Privato* (9a Ediz.), § 294, paġ. 481
[3] G. Alpa *Corso di Diritto Contrattuale* (2006), f'paġ. 107
[4] App. Ċiv. **5.10.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***Paċe et vs Sciortino et*** (Kollez. Vol: **LXXXII.ii.422**)

Fil-fatt, Torrente fl-istess opra msemmija fis-sentenzi hawn ċitati jkompli jispjega:

> *"Si ha l'opzione quando le parti convengono che una di esse rimanga vincolata alla propria dichiarazione (percio' questa costituisce una proposta irrevocabile) e l'altra parte abbia la facolta` di accettarla o meno...L'opzione si distingue dal contratto preliminare: nel contratto preliminare le parti si obbligano a concludere un nuovo contratto (definitivo), l'opzione, invece, da' luogo ad una proposta irrevocabile: percio' basta l'accettazione dell'altra parte perche' il contratto si perfezioni, senza che occorra una nuova manifestazione di consenso della parte vincolata alla proposta"."*

19. Applikati dawn il-prinċipji għall-każ in eżami, fil-fehma ta' din il-Qorti, l-Artikolu 7 tal-imsemmi kuntratt, proprju jagħti lill-atturi dritt tal-opzjoni jew għażla. Inoltre, ġaladarba tirriżulta l-aċċettazzjoni tal-Gvern bħala l-parti l-oħra fuq il-kuntratt in eżami, ta' din il-klawsola li tagħti d-dritt tal-għażla lill-atturi, ma hemmx ħtieġa li l-Gvern jagħti l-kunsens tiegħu mill-ġdid, proprju għaliex il-kunsens tiegħu kien ġja mogħti b'mod irrevokabbli meta l-imsemmi kuntratt ġie konkluż. Kwindi minkejja li l-Ewwel Qorti ddeċidiet li l-ftehim mhuwiex ekwivalenti għal wegħda ta' bejgħ u xiri għall-finijiet tal-Artikolu 1357 tal-Kodiċi Ċivili, il-ftehim bejn il-partijiet jibqa' ftehim konklussiv. Lil hinn mill-fatt li l-Ewwel Qorti ddeċidiet li l-ftehim mhux wieħed ta' wegħda ta' bejgħ, jibqa' l-fatt li huwa suxxettibbli għal eżekuzzjoni fuq inizjattiva ta' parti waħda, kif qiegħed jiġi mitlub mill-atturi f'din il-kawża. (Ara f'dan is-sens is-sentenza hawn qabel imsemmija, ta' din il-Qorti fl-ismijiet **Mallia et v. Zammit et**).

20. Kwindi, għalkemm din il-Qorti taqbel mal-atturi appellanti, li għall-fini tal-kawża odjerna, il-kuntratt bejn il-kontendenti fil-kawża ma jistax jitqies bħala sempliċi mandat jew li jagħti lok għal obbligazzjonijiet fiduċjarji, iżda għal raġunijiet differenti minn dak imfisser minnhom, tqis li l-azzjoni attriċi hija waħda msejsa fuq l-obbligazzjoni mnissla minn kuntratt b'kondizzjoni potestattiva skont l-Artikolu 1053(2) tal-Kodiċi Ċivili. Minkejja li l-Ewwel Qorti assimilat l-obbligi fiduċjarji kif imressqa fil-liġi kif emendata, mad-dmir tal-mandatarju li jagħti kont lill-mandant u ma' dawk stabbiliti fid-dritt Ruman, din il-Qorti tibqa' tal-fehma li, l-assimilazzjoni li għamlet l-Ewwel Qorti tal-kuntratt in eżami, mal-kuntratt ta' mandat u ddeċidiet il-każ purament fuq l-istitut tal-mandat, huwa wieħed żbaljat. Dan jingħad ukoll peress li, ma jitqiesx ġust li l-Ewwel Qorti applikat l-Artikoli 1871A u 1124A tal-Kodiċi Ċivili, relattivi għal obbligazzjonijiet fiducjarji b'mod retroattiv, peress li dawn il-provvedimenti tal-liġi ċertament ma kenux jeżistu fil-mument li ġie konkluż il-ftehim bejn il-kontendenti fil-kawża. L-atturi qatt ma aġixxew in rappreżentanza tal-Gvern, iżda dejjem f'isimhom u f'isem id-ditta tagħhom, tant li l-bejgħ li kien isir lil terzi kien isir f'isimhom u qatt f'isem il-Gvern u l-qligħ jinżamm minnhom u dejjem żammew il-pubblikazzjonijiet tal-kotba bħala proprjetà tagħhom, kif wara kollox jirriżulta mill-istess kuntratt. Dan dejjem sakemm l-atturi ma jagħżlux li jġibu fis-seħħ dak kontemplat fl-Artikolu 7 tal-ftehim.

21. Lanqas taqbel din il-Qorti ma' dak li ngħad fis-sentenza appellata u ċioè li meta l-Gvern tefa' s-sentenzi tal-qrati *online* spiċċa l-iskop tal-kuntratt. Dan jingħad peress li kif jirriżulta minn eżami tal-kuntratt, (Artikolu 3) il-Gvern obbliga ruħu limitatament li ma jippubblikax "*in print format*" il-kollezzjoni ta' deċiżjonijiet tal-qrati superjuri, proprju peress li kif jirriżulta mill-korrispondenza tal-attur datata t-2 ta' Mejju, 1992, (ara Dok. TD 1 a fol. 47) għalkemm l-attur kien qiegħed jitlob li jingħata garanzija li l-Gvern ma jippubblikax "*in print format or on line eventually*" il-Gvern aċċetta din il-proposta biss f'parti proprju peress li minkejja dan il-ftehim, xorta kellu l-ħsieb li jmexxi bis-sistema ta' sentenzi *on line.* Dan jinsab ikkonfermat ukoll mix-xhieda tal-Professur Ian Refalo li xehed li għalih f'dak il-mument (jiġifieri fl-1993) kien dubjuż kemm kien *vale la pena* li tkompli tipprintja l-pubblikazzjoni, proprju meta kienu qegħdin jesploraw li ser jagħmlu *a computer publication* billi jitpoġġew is-sentenzi *online* (ara fol. 470/1). Huwa, bħala ħabib tal-Ministru ta' dak iż-żmien, kien tkellem fuq dan miegħu, iżda l-Ministru kien wera nteress kbir fil-proposta tal-pubblikazzjonijiet .

22. Kwindi minkejja li l-Gvern kien jaf sew u xtaq li jaqbad it-triq għad-distribuzzjoni diġitali tas-sentenzi, d-deċiżjoni finali tal-Gvern dak iż-żmien, (ara Dok. TD 3 a fol. 51) kienet li jipproċedi bil-kuntratt, inkluż il-klawsola 7 kif spjegat qabel (ara wkoll Dok. TD 8 afol. 62). Isegwi li ma jkunx ġust li issa l-konvenut jerġa' lura minn dak il-ftehim li jakkwista l-

istokk li fadal. Wara kollox, skont il-kuntratt, minkejja li l-partijiet kienu ben konxji ta' din il-possibbiltà, l-attur kellu jġorr u ġarr ir-riskju għal 25 sena li d-domanda tonqos bil-miġja tas-sentenzi *online* u issa jmiss li l-Gvern iwettaq l-obbligu li ntrabat li jagħmel, jiġifieri li jakkwista l-istokk li fadal mingħand l-atturi, ladarba l-attur għażel li jġib fis-seħħ dak maħsub fl-Artikolu 7 tal-kuntratt. Kien hemm għarfien ta' dan ir-riskju sa minn qabel ma ġie ffirmat il-kuntratt u ma jkunx ġust li l-Gvern jerġa' lura minn dak li dwaru ta l-kunsens tiegħu u ntrabat li jagħmel. Isegwi li għal dawn ir-raġunijiet kollha, din il-Qorti tqis li l-ewwel aggravju tal-atturi appellanti jimmerita li jiġi milqugħ.

23. Imiss li jiġi trattat it-tieni aggravju tal-atturi appellanti, fejn isostnu li *datum sed non concessum* li r-relazzjoni tal-kontendenti tassew hija waħda ta' mandat, jibqa' l-fatt li l-atturi kienu tenuti li jeżegwixxu l-kuntratt sakemm ma jiġux ordnati li jagħmlu mod ieħor mill-konvenut. Jilmentaw li l-Ewwel Qorti tefgħet fuq spallejn l-atturi dmirijiet ta' ħarsien ta' ħwejjeġ il-konvenut meta ddeċidiet li r-relazzjoni bejn il-kontendenti fil-kawża kienet radikata fuq il-kuntratt ta' mandat. Jirreferu għall-prinċipju li *vigilantibus, non dormientibus, iura succurrunt.* Mentri l-Ewwel Qorti rriteniet li, l-atturi kellhom id-dmir, anke jekk mhux espressament imsemmi fil-kuntratt, li jagħtu rendikont regolari lill-konvenut a tenur tal-Artikolu 1875 tal-Kodiċi Ċivili, kif ukoll mill-provvedimenti tal-liġi relattivi għall-obbligazzjonijiet fiduċjarji. Jilmentaw li l-Ewwel Qorti nferiet fuq l-

atturi obbligazzjonijiet riżultanti minn provvedimenti tal-liġi li ma kenux eżistenti meta sar il-kuntratt, kwindi ngħataw effett retroattiv. Mentri fuq il-prinċipju ta' *lex specialis derogat lex generalis,* id-dmir li mandatarju jagħti rendikont lill-mandant, tiegħu huwa regolat bl-Artikolu 1875 tal-Kodiċi Ċivili.

24. Inoltre, l-appellanti jikkontendu li l-Ewwel Qorti żbaljat meta rriteniet li l-mandatarju għandu obbligu jagħti rendikont lill-mandant regolarment, mentri jsostnu li sakemm ma jkunx miftiehem mod ieħor, il-mandatarju jkun obbligat li jagħti rendikont fi tmiem il-mandat tiegħu jew fuq talba tal-mandant. Jagħmlu referenza għall-Artikolu 2157 tal-Kodiċi Ċivili in sostenn tal-argument tagħhom, fejn it-terminu ta' preskrizzjoni għall-għoti ta' kontijiet kontra, fost persuni oħra, l-mandatarju, jiskatta minn dakinhar li l-amministrazzjoni tispiċċa. Kwindi jekk l-atturi jitqiesu mandatarji tal-konvenut, ma hemm ebda provvediment tal-liġi jew tal-kuntratt li jimponi fuq l-atturi li jwettqu dak l-obbligu qabel tmiem il-mandat, jew b'mod regolari, kif allura fehmet l-Ewwel Qorti.

25. In kwantu l-Ewwel Qorti sostniet li l-atturi ma ħarsux l-interessi tal-konvenut, tant li minkejja li naqas il-bejgħ tal-volumi, l-atturi baqgħu jippubblikaw l-istess kwantità ta' volumi kif pattwit fil-kuntratt, iqajmu d-dubju kemm mandatarju għandu dritt ivarja l-mandat mogħti lilu, jekk ikun fl-interess tal-mandant li jagħmel dan, meta skont l-Artikolu 1864 tal-

Kodiċi Ċivili, mandatarju ma jista' jagħmel xejn li joħroġ mil-limiti tal-mandat. Dan meta l-mandat mogħti lill-atturi kien imperattiv meta ntużat il-kelma "*shall*" u għalhekk l-atturi ma kellhom l-ebda diskrezzjoni li jistampaw inqas volumi minn dak maħsub fl-imsemmi kuntratt. Fl-aħħar isostnu li l-eżekuzzjoni tad-dmir minnhom assunt fil-kuntratt, ma jista' qatt iwassal sabiex jiġi attribwit lilhom ksur ta' dmir u allura ksur tal-kuntratt. Il-fatt li l-konvenut qatt ma tkellem jew ipprotesta sabiex ivarja l-ftehim, ma jistax ħlief ifisser li l-konvenut irratifika dak li sar mill-atturi.

26. Fir-rigward ta' dan it-tieni aggravju, jiġi osservat minn din il-Qorti li, ladarba ġie deċiż taħt l-ewwel aggravju li r-relazzjoni kuntrattwali bejn il-kontendenti fil-kawża mhix sempliċement dik ta' mandat, iżda li l-azzjoni attriċi hija msejsa fuq l-eżekuzzjoni ta' obbligazzjoni, naxxenti minn kuntratt b'kundizzjoni potestattiva, ma jeħtieġx li din il-Qorti tidħol wisq fil-mertu tal-aggravju in kwantu jesplora l-obbligi ta' mandatarju riżultanti minn kuntratt ta' mandat. Madankollu jeħtieġ li jiġu ppreċiżati numru ta' punti.

27. Il-Gvern, bħala parti fuq il-kuntratt, seta' jsegwi jew iqabbad lil min isegwi l-andament tal-kuntratt u mhuwiex ġust li l-Ewwel Qorti tefgħet in-nuqqas tal-Gvern milli jsegwi l-interessi tiegħu fuq il-kuntratt, billi xeħtet dell fuq l-attur meta qalet li naqas milli jżomm lill-konvenut aġġornat regolarment fuq l-andament tal-bejgħ, jew titfa' dubju fuq il-*buona fede*

tiegħu, meta huwa meħtieġ li l-*mala fede* tiġi ppruvata minn min iressaq tali allegazzjoni. Wara kollox, l-istess konvenut seta' jitlob rendikont lill-atturi dwar l-andament tal-kuntratt. Ġaladarba l-konvenut ma kienx viġilanti fil-ħarsien tal-jeddijiet u l-interessi tiegħu, ma stħarriġx, kif kellu kull setgħa li jagħmel, dwar il-progress tal-bejgħ tal-pubblikazzjonijiet, u ħalla l-kuntratt għaddej bla ma qatt ħa interess fih, ħlief li jsus wara l-membri tal-Bord Editorjali meta jirċievi l-ilmenti da parti tal-atturi, ma jistax issa jwaħħal fl-atturi talli ma fetħulux għajnejh! Tabilħaqq huwa relevanti l-prinċipju ċċitat mill-atturi fis-sens li *vigilantibus non dormientibus iura succurrunt.*

28. Għalkemm indubbjament huwa meħtieġ li l-kuntratti jiġu eżegwiti *in buona fede,* l-atturi qatt ma kienu qegħdin jaġixxu f'kariga għan-nom u in rappreżentanza tal-konvenut, la kellhom proprjetà tal-konvenut u lanqas kellhom xi dmir ta' kunfidenzjalità mal-istess konvenut, kif maħsub fl-Artikolu 1124A. Dan apparti li kif ingħad qabel f'paragrafu 20 ta' din is-sentenza, ma jitqiesx ġust li l-Ewwel Qorti applikat l-Artikoli 1871A u 1124A tal-Kodiċi Ċivili, relattivi għal obbligazzjonijiet fiducjarji b'mod retroattiv, peress li dawn il-provvedimenti tal-liġi ċertament ma kenux jeżistu fil-mument li ġie konkluż il-ftehim bejn il-kontendenti fil-kawża. Lanqas jirriżulta li l-atturi naqsu milli jaqdu xi dover impost fuqhom mill-kuntratt jew mil-liġi u dan lil hinn mill-fatt ukoll li mill-provi ma jirriżultax li l-atturi qatt intalbu jagħtu xi rendikont lill-konvenut.

29. Inoltre, l-istess rappreżentant tal-konvenut għaraf li hija ħaġa mill-aktar ovvja li hekk kif is-sentenzi tal-qrati saru disponibbli bla ħlas fuq il-*website* tal-Gvern, il-bejgħ tal-pubblikazzjonijiet tal-attur kien ser jonqos sostanzjalment (ara fol. 453). Kwindi dak li kellu jkun ovvju għall-attur mal-iffirmar tal-kuntratt, kien ovvju wkoll għall-konvenut, li effettivament kien hu stess li għamel is-sentenzi disponibbli għall-pubbliku b'mod elettroniku. Huwa validu wkoll l-argument tal-appellanti, li minkejja li l-Gvern kellu wkoll l-opportunità li jittermina l-kuntratt, kif wara kollox maħsub fl-Artikolu 11 tal-istess kuntratt, u li ma jibqax jiġġedded il-kuntratt kull ħames snin, dan ma sarx. Fin-nuqqas tal-konvenut li jittermina l-kuntratt, kif kellu kull dritt li jagħmel, jew jitlob lill-atturi jnaqqsu mill-ammonti maħsuba fil-kuntratt li jiġu ppubblikati, ma jistax issa jixli lill-atturi b'*mala fede* li ma żammewhx infurmat b'dak li kien qiegħed jiġri, ladarba t-tnaqqis fil-bejgħ kien ferm prevedibbli u evidenti għal kulħadd. M'għandux ikun li l-atturi jispiċċaw ibatu huma għan-nuqqas ta' ħsieb da parti tal-konvenut li jsegwi l-interessi tiegħu fuq l-imsemmi kuntratt. Kien jispetta lill-konvenut li jħares l-interessi tiegħu fuq l-imsemmi kuntratt u fin-nuqqas li jagħmel dan, l-atturi m'għandhomx jiġu penalizzati talli mxew skont l-obbligi kuntrattwali naxxenti mill-ftehim bejn il-partijiet. Għalhekk għandu jkun il-konvenut li jerfa' r-responsabbiltà u l-konsegwenzi tan-nuqqasijiet tiegħu. Isegwi li partijiet mit-tieni aggravju għandhom ukoll mertu li jeħtieġ li jiġi milqugħ.

30. Fit-tielet aggravju tagħhom, l-atturi jilmentaw illi anke jekk wieħed kellu jaċċetta li l-kuntratt kien wieħed *sui generis,* li jixbaħ l-istitut ta' mandat bl-applikazzjoni tal-obbligazzjonijiet fiduċjarji, il-konklużjoni tal-Ewwel Qorti li tillimita l-ammont ta' kotba li l-Gvern obbligat li jakkwista, jiġifieri, sad-data ta' meta dawn tpoġġew f'CDs (ħaġa li qatt ma saret) u sussegwentement *online,* hija żbaljata peress li l-konvenut dejjem ġie infurmat u kien konxju mis-sitwazzjoni attwali f'kull żmien. L-atturi appellanti jikkontendu li l-Ewwel Qorti waslet għall-konklużjonijiet fattwali tagħha li kienu żbaljati u apparti li tagħmel referenza għal dawn il-fatti, tirribadixxi numru ta' kunċetti esposti minnha taħt l-ewwel u t-tieni aggravji.

31. Sa fejn l-atturi appellanti jirribadixxu kunċetti li ġew ampjament mistħarrġa minn din il-Qorti taħt l-ewwel u t-tieni aggravji, din il-Qorti a skans ta' repetizzjoni tagħmel referenza għall-konsiderazzjonijiet tagħha taħt l-ewwel u t-tieni aggravji. Jiġi ppreċiżat biss li dak sollevat mill-atturi appellanti bħala żbalji ta' fatti, din il-Qorti setgħet tirriskontra l-imsemmija żbalji meta hija rat mill-ġdid il-provi in atti. Hekk fejn l-Ewwel Qorti b'referenza għax-xhieda in kontro-eżami tal-avukat De Gaetano, irriteniet li kienu l-atturi stess li poġġew l-oġġett tal-mandat, din il-proprjetà pubblika f'CDs qabel ma għamel hekk il-Gvern, mingħajr is-setgħa tal-Gvern mandant, dan kien żbaljat, peress li din ix-xhieda li l-Ewwel Qorti

tagħmel referenza għaliha (*a tergo* ta' fol. 423) effettivament ix-xhud kien qiegħed jixhed dwar il-Liġijiet ta' Malta u mhux dwar il-Kollezzjoni tad-Deċiżjonijiet tal-Qrati Superjuri ta' Malta, suġġett ta' din il-kawża. Isegwi li sa fejn l-Ewwel Qorti donnha rabtet dan l-aġir tal-attur, ma' xi nuqqas li jeżerċita d-diliġenza ta' *bonus pater familias* jew nuqqas ta' *buona fede* da parti tiegħu, ma jreġix.

32. Punt ieħor li jimmerita li jiġi ċċarat huwa li, għalkemm huwa minnu li l-attur xehed li ma kienx iżomm lill-amministrazzjoni aġġornata **regolarment** peress li ma kien hemm xejn f'dan is-sens fil-kuntratt, tabilħaqq ma jirriżultax li l-atturi kellhom xi obbligu f'dan is-sens riżultanti mill-kuntratt, iżda jiġi nnutat ukoll li ma kienx hemm xi ħadd addett min-naħa tal-konvenut isegwi l-kuntratt. Fuq kollox, l-attur xehed (u ma jinsabx kontradett) li kull meta nbidel il-Ministru tal-Ġustizzja huwa kien ġeneralment jittanta jagħmel kuntatt sabiex ikun jista' jiltaqa' mal-Ministru jew is-Segretarji addetti miegħu, sabiex jgħarrafhom bil-kuntratt in kwistjoni. Għal darb'oħra jiġi ribadit li jekk il-Gvern naqas milli jieħu l-interess meħtieġ fil-kuntratt li għalih kien ukoll parti, *imputet sibi.*

33. L-aħħar punt ta' relevanza taħt dan l-aggravju huwa fejn l-Ewwel Qorti esprimiet il-fehma li l-klawsola nvokata mill-atturi ma kenitx maħsuba għal sitwazzjoni bħal din, iżda li kieku l-bejgħ baqa' għaddej normali, l-kwantità ta' kotba li l-Gvern kien obbligat li jakkwista, kien ikun

wieħed raġonevoli. Għal darb'oħra din l-asserzjoni tal-Ewwel Qorti hija żbaljata, ġalarba kif spjegat qabel, f'paragrafi 21 u 22 ta' din is-sentenza, l-imsemmija klawsola kienet proprju maħsuba għal din l-eventwalità li ma jinbiegħx l-istokk li kellhom l-atturi. L-Ewwel Qorti ntroduċiet kunċett estranju għal kuntratt, dak li għandu jitqies bħala raġonevoli, bid-diffikultajiet kollha li dan it-terminu, jew it-tifsira tiegħu jġib miegħu fil-kuntest tal-kuntratt in eżami. Dan meta fil-qasam tal-kuntratti, dak pattwit huwa liġi bejn il-partijiet. Kif ingħad drabi oħra, il-prinċipju kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratti jibqa' dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali għandu jiġi rispettat u li hi l-volontà tal-kontraenti kif espressa fil-konvenzjoni li kellha tipprevali u trid tiġi osservata (*pacta sunt servanda*). Relevanti wkoll huwa l-Artikolu 1002 tal-Kodiċi Ċivili, fis-sens li meta l-kliem tal-kuntratti huwa ċar, ma hemmx lok għal interpretazzjoni u l-vinkolu kuntrattwali għandu jiġi rispettat u osservat.

34. Hawnhekk il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tas-7 ta' Ottubru, 2004, fil-kawża fl-ismijiet **Francis Paris et v. Maltacom plc**, fejn ingħad li:

> *"...darba bejn il-partijiet hemm ftehim li jirregola r-relazzjonijiet ta' bejniethom hu preżunt li qabel ma jiffirmaw dak il-ftehim qiesu ċ-ċirkostanzi tal-każ u ta' l-interesssi tagħhom, u allura darba iffirmaw il-kuntratt huwa dak il-kuntratt li jissanzjona r-relazzjonijiet ta' bejn il-kontendenti, u mhux xi prinċipju ieħor anchorche bażat fuq ekwita. Il-prinċipju tar-rispett għal volonta tal-partijiet huwa wieħed fondamentali u dak li ftiehmu fuqu il-partijiet għandu 'forza ta' liġi' għalihom... u l-Qorti m'għandhiex tuża d-diskrezzjoni tagħha biex tissostitwixxi għal dak li ftiehmu bil-volonta tagħha."*

L-istess prinċipji għandhom japplikaw fil-każ in eżami u għalhekk it-tielet aggravju tal-atturi wkoll jirriżulta bħala fondat. Dan kollu jfisser li ma hemmx lok għal tnaqqis mill-ammont pretiż mill-atturi, kif ingħad mill-Ewwel Qorti u l-ammont sħiħ mitlub mill-atturi fir-rikors promotur huwa dovut lilhom, in forza tal-kuntratt tal-10 ta' Frar, 1993.

35. In kwantu fir-raba' aggravju tagħhom l-atturi appellanti jissollevaw xi żbalji li jirriżultaw ukoll minn eżami sempliċi tal-atti, dawn ukoll jimmeritaw li jintlaqgħu. Hekk, per eżempju, għalkemm l-Ewwel Qorti laqgħet it-talba attriċi għall-ħlas tal-imgħax u ordnat li dan jitħallas sa minn meta l-ittra uffiċjali tad-29 ta' Novembru, 2018, ġiet notifikata lill-konvenut, l-Ewwel Qorti żbaljat meta qalet li dan kellu jiskatta mill-11 ta' Diċembru, 2018, meta minn eżami tar-referta *a tergo* ta' fol. 13, jirriżulta li n-notifika saret fis-6 ta' Diċembru, 2018. Hekk ukoll, l-atturi appellanti jitolbu li ssir korrezzjoni oħra, in kwantu n-numru tal-Karta tal-Identità tal-attriċi Josette De Gaetano għandu jkun 265159M (u mhux 265156M). Għalhekk, filwaqt li din il-Qorti tordna li ssir il-korrezzjoni meħtieġa fl-okkju tal-kawża, dan l-aggravju wkoll jimmerita li jiġi milqugħ.

36. Il-ħames aggravju tal-atturi appellanti jitratta l-fatt li l-Ewwel Qorti ma żiditx fil-komputazzjoni tagħha 5% VAT, li llum japplika fuq il-prezz tal-bejgħ tal-kotba. Ladarba l-bejgħ tal-kotba llum huwa suġġett għall-ħlas ta' 5% VAT u t-trasferiment tal-kotba favur il-konvenut ser iseħħ

permezz ta' din is-sentenza, huwa loġiku li fuq il-prezz pattwit bejn il-kontendenti fil-kawża permezz tal-ftehim tal-10 ta' Frar, 1993, għandu jiġi applikat il-perċentwal tal-VAT dovut skont il-liġi. Għalhekk dan l-aggravju tal-atturi appellanti wkoll jimmerita li jintlaqa'.

37. Jonqos li jiġi trattat l-aħħar aggravju, dak rigward l-ispejjeż tal-kawża akkordati mill-Ewwel Qorti. Ġaladarba l-atturi appellanti qegħdin jingħataw raġun fil-pretensjonijiet tagħhom kif imressqa fir-rikors promotur, kif ukoll fl-aggravji tagħhom quddiem din il-Qorti, jkun ġust li l-konvenut iwieġeb għall-ħlas tal-ispejjeż kollha tal-kawża.

**Decide**

Għal dawn ir-raġunijiet kollha, din il-Qorti tiddisponi mill-appell imressaq mill-atturi appellanti billi tilqa' l-istess u għalhekk tirriforma s-sentenza appellata tat-22 ta' Marzu, 2022, fil-kawża fl-ismijiet premessi billi:

(i) tikkonferma s-sentenza appellata sa fejn ċaħdet l-ewwel, it-tieni u t-tielet eċċezzjonijiet, u tiċħad l-eċċezzjonijiet l-oħra tal-konvenut fil-mertu wkoll;

(ii) tvarja s-sentenza appellata sa fejn laqgħet f'parti l-ewwel talba attriċi u minflok tilqa' l-ewwel talba attriċi fis-sħiħ, billi tiddeċiedi u tiddikjara li l-Gvern konvenut kif rappreżentat huwa obbligat li jakkwista mingħand l-atturi ħamsa u ħamsin elf (55,000) volum *loose-leaf*, elfejn (2000) volum *paperback* u ħamest elef, tliet mija u ħamsin (5,350) volum *hardbound*, ilkoll mill-Kollezzjoni ta' Deċiżjonijiet tal-Qrati Superjuri ta' Malta, u dan versu li prezz komplessiv ta' ħames mija u wieħed u sebgħin elf, seba' mija u ħamsa u erbgħin ewro (€571,745) skont ir-rati mfissra fir-rikors promotur, oltre l-5% VAT illum applikabbli fuq il-prezzijiet ta' dak iż-żmien, u allura għall-prezz komplessiv bil-VAT ta' sitt mitt elf, tliet mija u tnejn u tletin ewro u ħamsa u għoxrin ċenteżmu (€600,332.25);

(iii) tvarja s-sentenza appellata fejn laqgħet f'parti t-tieni talba attriċi u minflok tilqa' t-tieni talba attriċi fis-sħiħ, billi tiddeċiedi u tiddikjara li l-konvenut għandu jakkwista l-volumi kollha bil-prezzijiet imsemmijin skont it-talba preċedenti, u dan in forza tas-sentenza stess. Kif ukoll tikkonferma l-ordni tal-Ewwel Qorti, sabiex fi żmien xahar, jirtira l-pubblikazzjonijiet kollha msemmijin fl-ewwel talba, u fin-nuqqas l-atturi huma awtorizzati jgħaddu sabiex jiddepożitawhom taħt l-awtorità ta' din il-Qorti bl-ispejjeż a karigu tal-konvenut. B'dan illi t-terminu mogħti jiddekorri mil-lum;

(iv) tvarja is-sentenza appellata sa fejn laqgħet f'parti t-tielet talba u fejn l-imgħax ġie komputat mill-11 ta' Diċembru, 2018, u minflok tilqa' wkoll it-tielet talba fis-sħiħ u tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-atturi s-somma likwidata ndikata aktar 'il fuq, bl-imgħax skont il-liġi minn meta l-ittra uffiċjali tad-29 ta' Novembru, 2018, ġiet notifikata, u ċioè mis-6 ta' Diċembru, 2018.

Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi a karigu tal-konvenut, inkluż iż-żewġ ittri uffiċjali tad-29 ta' Novembru, 2018 (3256/18) u tal-4 ta' Diċembru, 2018 (4324/18).

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da